Ħarġa nru. 32 – Novembru 2009

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Futbol**
Malta vs Bulgarija
Goals ta' Dimitar Berbatov lejn it-tmiem jgħarrqu lil Malta, p6



**Intervista**
Martin Galea, President tal-MRFU, dwar il-progress tal-logħba tar-rugby f'Malta, p40



**Żwiemel**
Jerġa' jibda l-Kampjonat tal-Malta Racing Club , p54





## Malta titlef kontra l-Kroazja u tirbaħ kontra l-Isvezja

## It-tim nazzjonali tar-rugby jżomm postu f'Diviżjoni 2B » p44

HANDBALL • BASKETBALL • KMS • YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION • ASM • ATLETIKA • FORMULA 1 • GOZO SPORTS • SNOOKER • REGATTA

THE WESTIN DRAGONARA RESORT Malta
IRBAĦ WESTIN WEEKEND BREAK




## BOV Cards

jekk ser tmur **tixtri**, ħallas permezz ta' Kard tal-BOV u tista' **TIRBAĦ** MasterCard Prepaid Card ta' €50




BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

www.bov.com 2131 2020

L-offerta hija valida sal-31 ta' Jannar 2010. Termini u kundizzjonijiet japplikaw u jinsabu fuq www.bov.com. DPL 65/2009

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*



# Novembru

Hekk kif qegħdin noqorbu lejn l-aħħar tas-sena jkunu ħafna dawk li jibdew jaħsbu dwar dak li seħħ fix-xhur qabel Diċembru, dwar dawk il-prestazzjonijiet li jkunu għamlu ġieħ lil xi atleta ndividwali, lill-klabb li jirrappreżenta u lil pajjiżu. Dan biex waqt lejlet imtella' apposta, dawn l-atleti jkunu ppremjati għall-mertu ta' xi success fid-dixxiplina sportiva li jipprattikaw u jikkompetu fiha. Bla dubju, l-2009 ma kinetx xi sena spettakolari fejn jidħlu riżultati, jekk mhux għall-konferma tat-timijiet nazzjonali tar-rugby, it-tim nazzjonali tan-nisa tal-isqaush, ta' Aaron Ciantar u William Chetcuti. Forsi l-akbar żewġ sorpriżi waslu mit-tim nazzjonali tan-nisa tal-basketball u minn dak tal-irġiel tal-waterpolo. Fuq bażi ndividwali ma nistgħux ma nsemmux il-progress li għamlet iż-żagħżugħa, Colette Sultana, fl-isquash u l-plejers Maltin kollha li jilagħbu barra l-pajjiż, fosthom Rebecca Thorensen, Steve Camilleri, Samuel Deguara, Josephine Grima u oħrajn. SPORTIV jawgura lil dawn l-atleti u lill-oħrajn kollha li jkollhom aktar mumenti fil-karriera sportiva tagħhom fejn jagħmlu unur għalihom u għal pajjiżna.

Intant, fix-xena lokali l-kompetizzjonijiet jinsabu fl-aqwa tagħhom u hekk kif bdew jirrankaw sew, diġà tibda tisma l-ewwel għajdut dwar il-prestazzjonijiet, il-pożizzjoni u l-futur tat-timijiet. Fl-aħħar mill-aħħar l-isport kompetittiv għalhekk sabiħ, apparti li mimli sorpriżi, iżommok dejjem imwaħħal sal-aħħar tal-istaġun.

SPORTIV, xahar ieħor ta' paġni sportivi, għalik u għall-familja kollha.

Björn Vassallo - Editur



Jekk tixtieq tixtri Back Issues ta' SPORTIV għandek iċċempel fuq 25900263 jew tibgħat email fuq sportivmalta@yahoo.com u tnizzel id-dettalji neċċessarji.

## NOTA EDITORJALI

**Ħarga numru 33 ta' Sportiv mistennija toħroġ nhar is-Sibt, 19 ta' Diċembru u mhux fl-aħħar Sibt tax-xahar ta' Diċembru. Dan se jseħħ minħabba l-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena. F'isem il-bord tad-Diretturi, l-Editur u l-impjegati kollha ta' SPORTIV nawgurawlkom il-festi t-tajba u s-sena l-ġdida mimlija paċi.**

NO PARKING PROBLEMS!

▸PARK & SAVE CARD
A park and save card offers you substantial discount. The card is loaded with €50 offering a 20% discount during weekdays.
When the €50 are exhausted just top up again.

▸CONTRACT CARD
A convenient and cheaper method of payment for customers that regularly use the Portomaso Car Park. You could be saving up to 20% on your parking by purchasing a Contract Card for more than One year.

▸WEEKEND PRE PAY DISCOUNT
This is a quick and more convenient way to pay for parking within the Portomaso Car Park.
Avoiding having to queue upon your return to your vehicle, benefit from 8% Discount on standard tariff rate.

*Terms and conditions apply

PORTOMASO CAR PARK
Portomaso Car Park • Level -2
T: 2310 3503 • E: portomasocarpark@tumas.com




SPEED HAS A NEW WEAPON
TODAY'S LESSON. BEING QUICK MEANS YOU CAN RUN RINGS ROUND PEOPLE. A TURN OF PACE AND YOU'RE IN ON GOAL. DONE. NOTHING BEATS FAST. EXCEPT FASTER. CHOOSE THE NIKE MERCURIAL VAPOR SUPERFLY.
MAKE THE DIFFERENCE
NIKEFOOTBALL.COM
URBAN JUNGLE
www.urbanjunglestore.com
SLIEMA X 2, ST.JULIANS (PARK TOWERS), BUGIBBA, ST.GEORGES BAY, VALLETTA X 2, UNIVERSITY, MOSTA, B'KARA, FGURA, GOZO







# SPORTIV


Harġa nru 32
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Zen Publishing**
113 'Bapu' Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Tel: 27200233 Fax: 2123 8313

Pubblikaturi
Norman Darmanin Demajo
Paul Falzon

Editur
Björn Vassallo
bjorn.vassallo@yahoo.com

Riklamar
Claudia Cutajar
sportivmalta@yahoo.com

Disinn
Zen Grafiks

Ritratti
Stephen Gatt

Cover - Rugby - Malta vs Svezja

UNION PRINT CO. LTD
**SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta**


# Werrej


4 **Analiżi**
Professjonali... il-viżjoni għall-futur!

6 **Malta v Bulgarija**
Riżultat kiefer

8 **Kampjonat Ewropew U21**
Telfa oħra kontra s-Slovenja

12 **Kampjonat BOV Premier**
Jitkompla wara waqfa twila

14 **FA TROPHY**
It-timijiet il-kbar ma jfallux

18 **Kampjonati tal-MFA**
Jibda l-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni

22 **YFA**
Ħarsa mill-qrib lejn in-nurseries

25 **KMS**
Aktar art mgħoddija mill-Gvern lill-għaqdiet sportivi

34 **Storja tal-Futbol Malti**
Tkompli l-istorja...

40 **Intervista**
Martin Galea jitkellem dwar l-iżvilupp tal-logħba tar-rugby f'Malta

42 **Basketball**
Jintrebħu l-ewwel unuri tal-plejer tax-xahar

44 **Rugby**
Malta titlef waħda u tirbaħ waħda

46 **Handball**
Riżultati prestiġġjużi għat-tim nazzjonali Malti tal-irġiel

48 **Snooker**
Alex Borg jirbaħ l-ewwel żewġ ranking tournaments

50 **ASM**
Kompetituri Maltin isuqu fir-reġjun tal-Kalabrija

52 **Gozo Sports**
Aktar sport mill-gżira Għawdxija

54 **Żwiemel**
Jerġa' jibda l-kampjonat tal-MRC fil-Marsa

56 **Formula 1**
Jintemm l-istaġun

62 **Storja tar-Regatta**
Tkompli mill ħarġa ta' qabel...

64 **Kriss-Kross u Spot the Ball**
Irbaħ ma' SPORTIV



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.


Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni **'The Holy Mountain'** kienu Marthese Carabott Abdilla - Birzebbuga u Stephen Spiteri - Birkirkara

# Professjonali...

Fost id-dixxiplini sportivi fid-dinja, il-futbol jitqies bħala l-aktar sport popolari. F'pajjiżna mhux eċċezzjoni u għalkemm ingergru li n-nies naqsu milli jiffrekwentaw l-istadiums lokali, xorta waħda jibqa' l-aktar sport segwit. Il-ħolma ta' kull tifel fid-dinja tibda minn mindu jkun żgħir. Jekk tistaqsihom xi jridu jsiru mill-ewwel jirrispondu li jixtiequ jsiru plejers tal-futbol. Tkompli meta jibdew jitħarrġu f'xi nursery lokali u ta' ċertu età jindunaw liema triq se jaqbdu. Hemm min jilħaq l-ogħla livelli u saħansitra jilbes il-flokk tat-tim nazzjonali tal-kbar. Hemm min jilgħab f'diviżjonijiet inferjuri, hemm minn jagħżel il-futsal jew il-beachsoccer, hemm min jieqaf kompletament u min jilgħab f'xi kampjonat tad-dilettanti biex iżomm ruħu attiv. Hemm min tant ikun plejer komplut li jispiċċa jilgħab barra l-pajjiż f'xi kampjonat ta' livell superjuri jew ta' immaġni akbar. Insomma xi kuntatt dirett ma' xi forma ta' futbol kważi kulħadd iżomm, għaliex dawk li jieqfu jipprattikaw x'aktarx li jkunu partitarji ta' timijiet lokali jew barranin. Bla dubju, din il-logħba ssawwar entużjażmu kbir, il-folol warajha huma kbar u mingħajrha ma nafx kif se jqattgħu l-ħin miljuni ta' nies madwar il-globu. Din il-logħba tiġġenera miljuni ta' ewro kull sena, bl-assoċjazzjonijiet u l-klabbs jaħdmu biex jiġbdu kemm jistgħu lejn pajjiżhom u eventwalment lejn il-klabb tagħhom.







Sfortunatament f'Malta f'dan ir-rigward u fil-mod kif għandu jikber l-introjtu, għadna ferm 'il bogħod minn dak li jiġri f'pajjiżi akbar minn tagħna. Il-kunċett fil-futbol huwa wieħed u dak ma jinbidilx. Kulħadd jikkalkula u jinvesti skont l-esiġenzi tiegħu, iżda mill-bqija l-istess metodi jintużaw. Imbagħad bħal dejjem għandek min ifur u jistgħana u dejjem fuq quddiem u dejjem jiġġieled għat-trofej u għandek min din l-opportunità jgħixha darba f'mitt qamar u oħrajn li lanqas qatt ma jmissu l-ogħla kampjonat u oħrajn li jimtlew dejn, ifallu u jerġgħu jibdew mill-bidu. Kullimkien xorta.

Nieħdu eżempju, fl-Italja dejjem kienu Juventus, Milan u Inter il-kbar, kultant ifeġġu Roma, Lazio u Napoli. Fil-passat kien hemm Torino u għal xi żmien rajna lil Parma. Fl-Ingilterra Manchester United u Liverpool ilhom kbar, dan l-aħħar żdiedu Chelsea u Arsenal u issa kibru wkoll Manchester City. Fil-passat ammirajna lil Tottenham Hotspur, Nottingham Forest, Aston Villa, Newcastle United u oħrajn. Fl-Iskozja l-istess dejjem Celtic u Rangers, fi Spanja Real Madrid u Barcelona, fil-Ġermanja dejjem rajna lil Bayern Munich fost il-protagonisti. Iżda l-oħrajn hemm kienu u hemm se jibqgħu, qatt ma qatgħu qalbhom u kollha għandhom il-partitarji tagħhom, l-introjtu tagħhom u l-indipendenza fl-operat.

U f'pajjiżna l-istess. Il-kbar dejjem kienu Floriana, Sliema Wanderers, Valletta u Hibernians. Dawn dejjem rebħu u baqgħu jirbħu, għalkemm kultant ifeġġ xi tim rivelazzjoni jew xi klabb li warajh ikollu s-saħħa finanzjarja, eżempju ċar f'Malta huwa dak li għamlu Marsaxlokk.

Mit-Tielet Diviżjoni spiċċaw biex rebħu l-Kampjonat Premier u pparteċipaw fil-kompetizzjonijiet Ewropej. Kultant tiġri. Semmejt ħafna timijiet kbar, kampjonati ta' livell tremend u li jfakkruna fl-unuri u l-mumenti tas-suċċessi tagħhom, iżda għalkemm f'kollox jixxiebħu ma' tagħna u għalkemm ġejjin mill-istess sport, proprju f'ħaġa waħda irridu nagħmlu distinzjoni. Il-klabbs ta' barra huma professjonali, filwaqt li tagħna għadhom dilettanti. Min jgħid li mhux hekk, ftit jew xejn ikun jaf x'inhu jgħid u jew irid jaħbi, jew ma jafx, jew jaħsibna kollha boloh.

Preżentament jekk hawn organizzazzjoni li titmexxa fuq livell professjonali hija biss l-MFA u dan għaliex għandha r-riżorsi, għaliex bħala Assoċjazzjoni tiekol minn fuq il-pajjiżi l-oħra u mill-flus li jiġġenera l-futbol mondjali. Ħadd u speċjalment f'dawn iċ-ċirkostanzi ta' kif inhu msawwar il-futbol lokali ma jista' jippermetti ċerti affarijiet. L-MFA qisha wieħed mill-klabbs professjonali ta' barra l-pajjiż, biss id-differenza hi li din Assoċjazzjoni, u mhux klabb, li jikkompeti f'xi kampjonat




MISTO
cafe • restaurant • venue

minn Björn Vassallo

# il-viżjoni għall-futur!




nazzjonali u għalhekk il-plejers mhux tagħha, iżda tal-klabbs.

Kulħadd jiftakar kif bdiet din l-iskema. Proprju meta t-tim nazzjonali Malti kien sofra telfiet kbar fil-passat, iż-żmien meta jien kont għadni tifel żgħir. F'dak il-perjodu kienet inħasset il-ħtieġa li tal-inqas il-plejers tagħna li jirrappreżentawna fil-kamp internazzjonali jibdew jitħarrġu flimkien, f'ambejnt aħjar u jingħataw dak kollu li għandhom bżonn biex jiżviluppaw aktar. Għal dak iż-żmien dan kien lussu, iżda l-mistoqsija tiġik waħedha… possibbli li llum m'hemmx aktar fejn nevolvu?

Fil-fatt dan l-aħħar smajna bl-ewwel klabb Malti li jrid jadotta skema professjonali għall-plejers tiegħu. Valletta għamluha pubblika li se jibdew. L-ewwel tim fl-istorja ta' pajjiżna li se jibda minn x'imkien. Bħal meta Malta ħadet l-Indipendenza, jew bħal meta l-Ingliżi ħallew Malta u ma bqajna niddependu minn ħadd… pajjiżna beda jaqdef għal rasu u bdejna minn x'imkien biex illum żvillupajna u kbirna flimkien.

L-istess fil-futbol. Finalment se nibdew. Valletta se jibqgħu fl-istorja bħala l-pijunieri ta' dan kollu u fil-futur oħrajn se jsegwuhom u forsi jekk mhux professjonali, iżda semi-professjonali żgur, għaliex dak li għandna llum m'hemmx kliem ieħor biex tiddiskrivih ħlief dillettantesk u limitat għall-aħħar. Dan ma ngħidux biss jien, iżda smajnieh ukoll mill-ogħla organi fi ħdan il-futbol f'pajjiżna. Titkellem man-nies fil-kumitati u jgħidulek li jqattgħu ħin kbir fil-klabbs, li l-futbol ibiegħdek mill-familja u xorta waħda m'hemmx fejn tmur, dejjem l-istess.

Ma kbirna qatt u dejjem jgħidulek li aħna għal bejnietna tajbin. Ilna naqdfu fl-istess ilma żmien u issa għax hawn min beda joħlom li xi darba nistgħu nagħmlu pass 'il quddiem qam storbju sħiħ. Li rridu nissalvagwardjaw dak li bnejna fil-passat, bla dubju, li rridu naraw li mhux se naqgħu lura minn xi aspett li jirrigwardja l-preparazzjoni tal-plejers nazzjonali, bla dubju, li rridu nkunu responsabbli biżejjed biex ngħarrfu l-prijoritajiet u naqblu fuqhom, bla dubju, iżda ħażin għalih min jipprova jbeżża', itellef jew saħansitra jsejjħilna mġienen għaliex qegħdin nippruvaw nieħdu lill-futbol Malti minn dimensjoni għal oħra. Ma naħsibx li l-Beltin ossessjonati li jitilqu għal rashom, iżda nemmen li f'dan l-istadju jridu l-progress għall-klabb tagħhom u li finalment dan għandu jirrifletti fuq il-logħba lokali. Irridu biss naraw kif se nikkoordinaw il-komponenti kollha ħalli dan iseħħ bl-aħjar mod possibli u biex finalment ma jaqa' ħadd lura. Nifhem li rridu nżommu saqajna mal-art u nkunu kredibbli f'dak li ngħidu u nagħmlu, iżda li jkun hawn min jaqta' qalb in-nies, dawk li għandhom l-inizjattiva biex jaħdmu, dik le, dik mhux aċċettabli aktar. Irridu ninfetħu għall-







opportunitajiet, irridu nwasslu messaġġ ċar li l-futbol Malti għandu fejn jevolvi u ma ninsabux daqstant 'il bogħod minn kif jaħsbu ħafna.

Issa jekk Valletta jridu jsiru professjonali qatt xi darba nistgħu nwaqqfuhom? Anzi għandna ngħinuhom f'dak li se jagħmlu u nħeġġu aktar klabbs isegwuhom. U x'se tkun il-ġustifikazzjoni għall-oppożizzjoni ta' dak li jixtiequ jagħmlu l-Beltin? X'inhi l-iskuża biex inħassrulhom il-festi? Nistħajjel lill-president Belti, Victor Sciriha, jiltaqa' ma' xi kollega, president bħalu ta' xi klabb barrani u dan tal-aħħar jistaqsih għaliex dawn il-problemi kollha? Naħseb il-barrani jidħak kieku t-tweġiba tas-Sur Sciriha tkun għaliex irid li l-klabb tiegħu ikun professjonali bħal kull klabb ieħor fl-Ewropa. Il-bidla ġġib progress u għaldaqstant tista' qatt tiċħad il-progress?

Sew ngħid jien meta nikkumenta li għadna għoxrin sena lura meta mqabbla ma' pajjiżi oħra u issa ndunajt li mhux fl-infrastruttura u l-istrutturi biss għadna lura, iżda wkoll fil-ħsieb u fil-mentalità, fid-deċiżjonijiet li nieħdu u l-viżjoni li rridu għall-futur.

Il-futbol huwa prodott li jekk ninvestu fih u nagħmlu dawk il-proġetti li hemm bżonn, żgur li jħalli r-ritorn mixtieq u mhux biss mil-lat finanzjarju, iżda wkoll fit-twemmin li għada jista' jkun aħjar mil-lum u xi darba fil-futur nieqfu u naħsbu fuq fejn konna u fl-istess waqt nistgħaġbu fejn wasalna.

Watch LIVE Football Matches & Formula 1
18, Tigne Seafront, Sliema
Tel: 21 336 226 Email: jesmond@misto.com.mt www.misto.com.mt



# L-aħħar kwarta detrimentali għal Malta

**Malta ............................ 1**
**Bulgarija ........................ 4**

It-tim nazzjonali Malti, taħt it-tmexxija tal-kowċ John Buttigieg u l-assistent tiegħu Carmel Busuttil, sofra telfa ta' 4-1 kontra l-Bulgarija liema partita kienet waħda ta' ħbiberija.

Żgur li dan ir-riżultat ma jirriflettix l-andament tal-partita hekk kif il-Maltin qasmu l-logħob mal-avversarji, għajr l-aħħar kwarta li kienet detrimentali fejn sofrejna tliet goals mingħajr risposta.

F'din il-partita ingħataw id-debutt it-tliet plejers Edward Herrera (Hibernians), Paul Fenech (Birkirkara) u Steve Bezzina (Valletta) b'dan tal-aħħar jilgħab il-partita kollha. Dawn it-tliet plejers kellhom partita sodisfaċenti u għaldaqstant wieħed jistenna li fil-futur qrib jissiġillaw posthom fit-tim nazzjonali.

Kollox ma' kollox, kienet wirja pożittiva għall-Maltin fejn irnexxielhom jirkupraw il-goal żvantaġġ skurjat kmieni minn Valeri Bojinov (li proprju beda l-karriera tiegħu ma' Pietà Hotspurs), u meritatament kisbu d-draw minn l-attakkant Michael Mifsud li, għalkemm mingħajr klabb, irnexxielu jilħaq ir-rekord ta' Carmel Buttigieg bi 23 goal għat-tim nazzjonali Malti.

Iżda, fil-verità, irridu ninsew l-aħħar kwarta li kienet waħda diżastruża fejn l-avversarji kkastigawna bi tliet goals bi tnejn minnhom jaslu mill-attakkant ta' Manchester United, Dimitar Berbatov, li kien qed jikser ir-rekord ta' Hristo Bonev għal total ta' 47 goal.

Appena ż-żewġ timijiet kienu qed jissetiljaw, Bulgarija fetħu l-iskor, fil-ħames minuta, minn VALERI BOJINOV, li xeħet fir-rokna wara li rċieva mingħand Stiliyan Petrov.

Ir-reazzjoni tal-Maltin kienet waħda mmedjata b'Kevin Sammut jimpenja lill-goalkeeper Bulgaru b'xutt qawwi minn tarf il-kaxxa u minuta wara reġa kien Nikolay Mihaylov li salva fuq Jamie Pace.

Wara dawn l-azzjonijiet, il-logħob żvolġa f'nofs il-grawnd għajr li, fit-38 minuta, xutt ta' Dimitar Berbatov u minuta wara Jamie Pace ra x-xutt tiegħu jiġi salvat minn Mihaylov minn qagħda ideali.

Iżda minuta mill-ftuħ tat-tieni taqsima, Malta kisbu d-draw meta MICHAEL MIFSUD għeleb in-nasba tal-offside, dar mal-goalkeeper sostitut Dimitar Ivankov u ddeposita l-ballun fix-xibka.

Wara dan il-goal, il-moral tal-plejers kiber biex qatt ma dehru nferjuri għall-avversarji tagħhom b'dawn tal-aħħar bdew juru frustazzjoni minħabba li ma setgħux jintfdu d-difiża Maltija.

.... Iżda fl-aħħar kwarta kkrollajna hekk kif, fil-75 minuta, DIMITAR BERBATOV ikkonkluda wara li bidel il-ballun ma' Valeri Domovchiyski.

Ħames minuti wara, il-Bulgaru komplew iżidu l-vantaġġ minn freekick minn tarf il-kaxxa ta' BLAGOY GEORGIEV biex, fit-82 minuta, DIMITAR BERBATOV issiġilla r-rebħa wara li ġie waħdu quddiem il-goalkeeper, Andrew Hogg, biex il-partitarji Maltin ħallew l-Istadium Nazzjonalil b'togħma morra.



Shaun Bajada imdawwar b'diversi plejers avversarji



Dimitar Berbatov jidher jiskorja r-raba' goal għall-Bulgari



Kevin Sammut u Zhivko Milanov f'dwell għall-pussess tal-ballun



Daniel Bogdanovic jipprova jwaqqaf lil Stanislav Angelov

## Partita ta' Ħbiberija

18.11.2008 - 19.00 hrs

Malta................................1

M. Mifsud 46

Bulgarija ..........................4

V. Bojinov 5, D. Berbatov 75, 82, B. Georgiev 80 (B)

HT 0-1 Hibs Ground

**Malta** – Andrew Hogg, Roderick Briffa, Steve Bezzina, Ryan Fenech (Paul Fenech 62), Andrei Agius, Brian Said, Kevin Sammut (Edward Herrera 56), Jamie Pace (George Mallia 81), Michael Mifsud, Daniel Bogdanovic (Gilbert Agis 71), Clayton Failla (Shaun Bajada 46)

Kowċ – John Buttigieg

**Bulgarija** – Nikolay Mihaylov (Dimitar Ivankov 46), Veselin Minev, Stanislav Angelov, Blagoy Georiev (Ivo Ivanov 86), Chavdar Yankov, Dimitar Berbatov (Dimitar Rangelov 88), Stiliyan Petrov (Ivan Bandalovski 46), Valeri Bojinov (Valeri Domovchiyski 46), Stanislav Manolev (Ivan Stoyanov 64), Georgi Sarmov, Zhivko Milanov

Kowċ – Stanimir Kolev Stoilov

**Referee** – Sab Nijhuis (Olanda)

**Assistenti** – Konrad Borg, Alan Camilleri (Malta)

Raba' Uff. – Clayton Pisani

**Ammonita** – D. Bogdanovic, J. Pace, P. Fenech (M); Z. Milanov (B)



Beppe Muscat fl-azzjoni



Leonu Crncicu jidher jifraħ wara l-goal li skorja

# Telfa minima għal Malta

**Slovenja ........................ 1**
**Malta ............................. 0**

It-tim Malti ta' Taħt il-21 sena, immexxi mill-kowċ Edwin Camilleri u l-assistent tiegħu Emanuel Farrugia, sofra telfa minima ta' 1-0 kontra Slovenja liema partita kienet valida mill-preliminari tal-Kampjonati Ewropej.

Din kienet il-ħames telfa minn daqstant partiti fejn il-Maltin għadhom ukoll qed ifittxu l-ewwel goal f'din il-kompetizzjoni.

Iżda wieħed irid jgħid li matul din il-partita, il-Maltin qasmu l-logħob mal-avversarji għal ħinijiet twal.

L-uniku goal tal-partita wasal tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima mis-sostitut Leon Crncic meta xeħet fir-rokna tax-xibka wara li rċieva mingħand Rene Mihelic.

Wara dan il-goal, kien il-goalkeeper, Henry Bonello, li żamm lil sħabu fil-partita meta wettaq save stupend fuq Tim Matavz.

Il-Maltin kellhom il-mumenti tagħhom meta resqu viċin minn Tyrone Farrugia li xeħet għoli minn daqqa ta' ras u Richard Chetcuti li falla l-mira minn qagħda ideali.



Terence Vella jidher jikkontrolla l-ballun

**Kampjonati Ewropej U/21**

13.11.2008 - 16.00 hrs
**Slovenja** 1
L. Crncic 48
**Malta** 0
HT 0-0 Sportni Park, Nova Gorica

**Slovenja** – Nejc Vidmar, Aljaz Struna, Matija Skarabot, Nikola Tolimir, Jovan Vidovic, Kevin Kampl, Tim Matavz (Alen Vuckic 89), Rene Mihelic (Rajko Rep 71), Vito Plut (Leon Crncic 46), Boris Mijatovic, Danijel Marceta
Kowċ – Tomaz Kavcic
**Malta** – Henry Bonello, Giuseppe Muscat, Joseph Zerafa, Steve Borg, Ryan Camilleri, Tyrone Farrugia, Terence Vella (Kane William Micallef 78), Mark Scerri, Julian Galea, Miguel Ciantar (Clifford Gatt Baldacchino 52), Richard Chetcuti
Kowċ – Edwin Camilleri
**Referee** – Anastassios Kakos (Greċja)
**Assistenti** – Christos Gennaios, Spyridon Tyrfonas (Greċja)
**Raba' Uff.** – Stavros Tritsonis (Greċja)
**Ammoniti** – R. Mihelic, B. Mijatovic, K. Kampi, A. Struna, M. Skarabot, A. Vuckic (S); M. Scerri, J. Zerafa (M)
**Tkeċċa** - J. Zerafa 89 (M)

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | Ptl |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ukrajna | 5 | 3 | 2 | 0 | 8 | 3 | 11 |
| Franza | 4 | 2 | 2 | 0 | 7 | 3 | 8 |
| Belġju | 5 | 2 | 2 | 1 | 4 | 3 | 8 |
| Slovenja | 5 | 2 | 0 | 3 | 4 | 7 | 6 |
| Malta | 5 | 0 | 0 | 5 | 0 | 7 | 0 |



It-tim nazzjonali Malti qabel waħda mill-logħbiet

# Ir-Rumanija tirbaħ fiż-żewġ konfronti



Qabel il-bidu tal-ewwel konfront

L-ewwel impenji għat-tim nazzjonali Malti tal-Futsal, taħt it-tmexxija tal-kowċ il-ġdid, Vic Hermans, u l-assistent tiegħu, Bert Kessen, kienu dawk kontra t-tim nazzjonali tar-Rumanija ta' Taħt il-21 sena. Iż-żewġ logħbiet ta' ħbiberija intlagħbu fil-Padiljun, f'Kordin lejn l-aħħar ta' Ottubru u fiż-żewġ logħbiet it-tim Malti ħareġ tellief. Dan kien ċans tajjeb għall-kowċis il-ġodda sabiex jevalwaw aħjar il-livell tal-plejers tagħhom, opportunità għaliex setgħu ukoll isejħu xi plejers ġodda fl-iskwadra.

L-ewwel logħba kienet mirbuħa mir-Rumeni bl-iskor ta' 2-1. Kienu l-Maltin li fetħu l-iskor permezz ta' gowl sabiħ skorjat minn John Cutajar, iżda qabel tmiem l-ewwel taqsima l-avversarji rnexxielhom isibu darbtejn ix-xibka permezz ta' Costantin Danut u Szabo Szolt, biex daħlu jistrieħu fil-vantaġġ. Fit-tieni taqsima l-Maltin wettqu reazzjoni u marru wkoll viċin il-gowl, iżda l-goalkeeper avversarju dejjem kien attent u sat-tmiem ma kienx megħlub

Fit-tieni konfront, il-Maltin bdew tajjeb fejn marru fil-vantaġġ b'gowl ta' Tyron Borg u rduppjaw permezz tal-captain Xavier Saliba. Iżda r-Rumeni wieġbu b'gowl sabiħ ta' Manya Szabolcs, l-aħjar plejer avversarju għat-teknika fina li jipposjiedi. Żball fid-difiża Maltija bejn Bugeja u Cutajar witta t-triq għal Brasoveanu sabiex b'xutt b'saħħtu għamel l-iskor indaqs. Il-Maltin ippruvaw jirkupraw, iżda fi ftit ħin reġgħu sofrew gowl ieħor skorjat minn Brasoveanu. Biex finalment l-avversarji ssiġġillaw ir-rebħa b'gowl ieħor li wasal minn Szabolcs.

Il-kowċ Olandiż, Vic Hermans, wara dawn iż-żewġ impenji qal, "it-tieni logħba kienet aħjar mill-ewwel waħda, meta konna minn fuq urejna li għadna nieqsa minn dik l-esperjenza nternazzjonali. Kellna nżommu aktar pussess tal-ballun, speċjalment fl-attakk. Dawn il-logħbiet isiru biex kemm il-plejers jitgħallmu mill-iżbalji u kif ukoll jiena nkun nista' nara l-livell tat-tim u tal-logħob."

Il-plejers li ħadu sehem kienu:

**MALTA**

**Goalkeepers**
Brian Baldacchino (Pentagon)
Matthew Mifsud (Naxxar)

**Plejers**
Darren Agius (Paola Stars)
Tyron Borg (Pentagon)
Paul Bugeja (Paola Downtown)
Clint Cope (Southenders)
John Cutajar (Naxxar)
Nicola Del Re (Pentagon)
Jeanbert Gatt (Luxol)
Robert Magro (Naxxar)
Craig Pickard (Pentagon)
Carlo Scicluna (Naxxar)
Xavier Saliba (Paola Downtown)
Frank Xerri (Pentagon)

**Kowċ**
Vic Hermans

**RUMANIJA**

**Goalkeepers**
Bogdan Caramalou (Design Brasov)
Andrei Moldovan (Concordia Chiajna)

**Plejers**
Buta Bogdan (Olimpic Simeria)
Andrei Brasoveanu (Concordia Chiajna)
Sazvan Brasoveanu (Concordia Chiajna)
Cristian Macingo (Futsal Deva)
Zsolt Tekeres (Clujana Cluj)
Constantin Daruat (United Galati)
George Enache (Concordia Chiajna)
Lucian Popescu (Futsal Deva)
Manya Szabolcs (ACS Odorheiu Secuiesc)
Zsolt Szabo (ACS Odorheiu Secuiesc)

**Kowċ**
Jakob Zoltan

**KMS Sport Link... jibqa' għas-servizz tal-Għaqdiet Sportivi**

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

KMS Sport Link il-programm televiżiv tal-Kunsill Malti għall-iSport li jwassal informazzjoni dwar l-istess KMS u l-assoċjazzjonijiet sportivi Maltin fi ħdanu. Dan anke permezz ta' intervisti u filmati relatati. KMS Sport Link għandu preżentazzjoni ta' Dorienne Grech u produzzjoni ta' Kenneth Vella. Jixxandar fuq TVM kull nhar ta' Tlieta fis-6.05pm b'ripetizzjoni s-Sibt fuq l-istess stazzjon għall-ħabta tal-4.20pm u fuq E22 kull nhar ta' Erbgħa fit-3pm b'rħpetizzjoni wkoll fuq l-istess stazzjon l-Erbgħa wkoll fid-9pm u l-Ħadd fis-2pm. Dawk l-Għaqdiet sportivi li jixtieqų jagħmlu kuntatt mat-tim tal-produzzjoni jistgħu jagħmlu dan billi jibagħtu email fuq - kmssportlink@sportmalta.org.mt





It-tim nazzjonali Malti

# Telfa oħra kbira għa-nisa Maltin

It-tim nazzjonali tan-nisa, immexxi minn Pierre Brincat, ġarrab telfa oħra kbira. Wara dik umiljanti kontra Spanja ta' 13-0, it-tim Malti tilef kontra dak Ingliż bl-iskor ta' 8-0. Il-logħba intlagħbet fi Blackpool, kontra avversarji li huma kkunsidrati bħala l-favoriti li jirbħu dan il-grupp, iżda li kontra Malta ħallew barra diversi plejers importanti. Din kienet it-tieni logħba li lagħbu l-Maltin minn Grupp 5 ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja li se ssir fil-Ġermanja, fl-2011, u kif jidhru l-affarijiet, se tkun verament diffiċli għall-Maltin kontra avversarji ta' dan il-livell. It-tim Ingliż kien finalista fil-Kampjonat Ewropej tan-nisa u, bla dubju, huwa wieħed mill-favoriti li jikseb is-suċċess fl-edizzjoni finali.

Intant, l-avversarji ħadu biss tmien minuti biex fetħu l-iskor permezz ta' Faye White u sa tmiem l-ewwel taqsima l-iskor kien diġà 4-0 favur il-Britanniċi. Għalihom skorjat darbtejn il-plejer ta' Everton, Fara Williams, u goal ieħor minn Jessica Clarke. Matul it-tieni taqsima l-andament ma nbidilx u l-Ingliżi skorjaw erba' darbiet oħra, bil-goals jaslu minn Fara Williams, ieħor ta' Clarke u żewġ goals oħra tas-sostitut Emily Westwood u Rachel Unitt. Ta' min jirrimarka li l-Maltija Natasha Pace sfat imkeċċija, fl-54 minuta tal-logħba, biex it-tim Malti lagħab il-parti l-kbira tat-tieni taqsima b'għaxar plejers.

Wara l-logħba l-kowċ Ingliża, Hope Powell, qalet li kienet iddiżappuntata bir-riżultat għaliex għalkemm skorjaw tmienja, l-iskor kellu jkun viċin l-għoxrin!



Unitt tifraħ ma' sħaba wara li skorjat l-aħħar goal tal-logħba



Fara Williams u Sue Smith jiċċelebbraw ir-rebħa tat-tim tagħhom



It-tim nazzjonali Ingliż

## Tazza tad-Dinja 2011

**25.10.2009 - 17.30 hrs**

**Ingilterra** 8
White 8, Williams 21, 39, 66, Clarke 37, 76, Westwood 78, Unitt 87

**Malta** 0

HT 4-0 **Bloomfield Rd, Blackpool**

**Ingilterra** – Karen Bardsley, Alex Scott, Rachel Unitt, Danielle Buet, Faye White (Lindsay Johnson 58), Laura Bassett, Jessica Clarke, Jill Scott, Lianne Sanderson (Jody Handley 54), Fara Williams (Emily Westwood 68), Sue Smith

*Kowċ* – Hope Powell

**Malta** – Sharon Costantino, Natasha Pace, Rebecca Dagostino, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri, Rebecca Chircop (Kathleen Saliba 64), Catherine Camilleri (Marisa Deguara 51), Mandy Debono (Chantal Fenech 85), Kimberly Parnis, Charlene Zammit

*Kowċ* – Pierre Brincat

**Referee** – Florence Guillemin (Franza)

**Assistenti** – Karine Vives Solana, Stéphanie Frappart (Franza)

**Raba' Uff.** – Natalie Walker (Ingilterra)

**Ammoniti** – R. Chircop, Y. Carabott, N. Pace (M)

**Tkeċċiet** – N. Pace 57 (M)



Rachel Cuschieri fl-azzjoni ma' plejer avversarja



Azzjoni veloci tal-Awstrijaċi matul l-ewwel taqsima

# Wirja tajba mill-Maltin minkejja telfa kontra l-Awstrija

**Malta ............................... 0**
**Awstrija .......................... 2**

It-tim nazzjonali Malti tan-Nisa sofra t-tielet telfa minn daqstant partiti meta, fis-Centenary Stadium, safa megħlub mill-Awstrija bl-iskor ta' 2-0 liema goals waslu wieħed f'kull taqsima.

Iżda l-Maltin lagħbu partita kbira u sofrew żewġ goals minħabba nuqqas ta' attenzjoni u li setgħu ġew evitati.

Minkejja li l-Awstrijaċi dehru teknikament aħjar, il-Maltin taw daqs kemm qalgħu u li kieku ħadu punt minn dan il-konfront żgur li ma kienu jisirqu xejn.

B'sistema ta' 5-4-1, il-ħames difensuri, Rebecca D'Agositno, Kimberly Parnis, Dorianne Theuma, Charlene Zammit u Rebecca Chircop, spikkaw fuq sħabhom hekk kif qatlu kull pressjoni tal-avversarji.

Kien mument statiku li fih inqabdet id-difiża kollha fil-bidu tal-partita fejn l-Awstrijaċi fetħu l-iskor u meta kulħadd antiċipa li kienet ġejja xi goleada, it-tfajliet Maltin kellhom ideat oħra b'logħob intelliġenti u meqjus.

It-tieni goal tal-avversarji proprju wasal tliet minuti wara l-mistrieħ meta l-Maltin kienu qed jissetiljaw.

Wieħed irid ifaħħar ukoll il-prestazzjoni tal-erba' midfielders, Mandy Debono, Rachel Cuschieri, Catherine Camilleri u Ylenia Carabott, li f'mumenti minnhom rebħu anke d-dwell kontra l-avvesarji iżda l-attakk xejn ma beda jiffunzjona tajjeb minħabba li l-plejer żagħżugħa ta'18-il sena, l-Għawdxija Emma Xuereb kienet iżolata għal kollox.

L-Awstrijaċi fetħu l-iskor kmieni fil-partita, fil-11-il minuta, minn azzjoni mejta meta fl-uniku żball tad-difiża Maltija, it-*through pass* ta' Isabella Berger żmarka għal kollox lil NINA AIGNER li daret ma' Michelle Zahra qabel ma ddepożitat il-ballun fix-xibka.

L-ewwel azzjoni denja ta' nota Maltija waslet, fit-18-il minuta, meta Rachel Cuschieri xeħtet pass fit-tul lejn Emma Xuereb, li iżda, il-goalkiper Awstrijaka, Jasmin Pfeller, laħqet fil-ħin parzjalment u meta l-ballun reġa' ġie f'saqajn Xuereb, din ixxuttjat ċentrali.

Tliet minuti wara, il-freekick insidjuż ta' Dorianne Theuma ġiegħel lid-difiża Awstrijaka tixħet f'corner. U mill-istess azzjoni ta' corner wasal l-aħjar ċans għall-Maltin meta Rebecca D'Agostino, għalkemm żbilanċjata, falliet il-mira bi ftit minn daqqa ta' ras.

Tliet minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, bil-Maltin għadhom ma ssetiljawx, sofrew goal kiesaħ u biered meta NINA AIGNER biddlet il-ballun ma' Marlies Hanschitz qabel xeħtet fir-rokna tax-xibka.

Hawnhekk kulħadd antiċipa li l-Maltin kienu se jikkrollaw iżda huma wrew karattru u ssieltu għal kull ballun bl-uniku ċans għall-Awstrijaċi, li jkabbru l-iskor, wasal seba' minuti mit-tmiem meta s-sostituta, Isabella Grossinger, laqtet il-mimduda.

**Tazza tad-Dinja 2011**

18.11.2008 - 14.30 hrs

**Malta 0**
**Awstrija 2**

N. Aigner 11, 48

HT 0-1 Centenary Stadium

**Malta** – Michelle Zahra, Kimberly Parnis, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri (Corissa Vella White 3), Rebecca Chircop, Catherine Camilleri, Mandy Debono, Charlene Zammit, Emma Xuereb (Kathleen Saliba 57)

Kowċ – Pierre Brincat

**Awstrija** – Jasmin Pfeller, Susanna Koch, Susanna Holler, Corina Wenninger (Teresa Kneisz 87), Sonja Spieler, Marlies Hanschitz, Sarah Puntigam (Isabella Grossinger 46), Nadine Prohaska, Isabella Berger, Katrin Entner, Nina Aigner (Mariella Rappold 79)

Kowċ – Ernst Weber

**Referee** – Paula Thorn (Svezja)

**Assistenti** – Susanne Borg, Anna Nystrom (Svezja)

**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi (Malta)

**Ammonita** – S. Spieler (A)

**KLASSIFIKA - GRUPP 5**

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | 4 | 4 | 0 | 0 | 21 | 0 | 12 |
| Ingilterra | 1 | 1 | 0 | 0 | 8 | 0 | 3 |
| Awstrija | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 3 | 3 |
| Turkija | 1 | 0 | 0 | 1 | 0 | 5 | 0 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 | 23 | 0 |

### PREMIER

**Logħba Nru 29 – 04.11.2009 - 18.00 hrs**

**Msida St. Joseph** 0

**Hibernians** 1
O. Malasenoks 77

HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Stefano Grima (Karl Ebejer 81), Cedric Sciberras, Adrian Farrugia )Iro Curmi 88), Kevin Mifsud, Emiliano Lattes, Roderick Baldacchino, Olushola Aganun, Lydon Micallef (Andrew Formosa 67), Adam Spiteri, Tyrone Farrugia
*Coach* – Mark Marlow
**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Adrian Pulis, Aaron Xuereb (Matthew Tabone 70), Leighton Grech, Christian Callejas, Etienne Barbara, Olegs Maasenoks, Kevin Cassar (Matthew Hammett 46), Tirston Caruana, Ryan Camilleri
*Coach* – Mark Miller
**Referee** – Alan Mario Sant
**Assistenti** – Konrad Borg, Alan Camilleri
**Raba' Uff.** – Adrian Casha
**Ammoniti** – M. Muscat (H); M. Bartolo, A. Formosa, C. Sciberras (MSJ)
**Tkeċċa** – L. Grech 26 (H)

### PREMIER

**Logħba Nru 30 – 04.11.2009 - 20.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 3
J. B. Mawete Junior 16, M. Pereira 57, G. Spiteri 81

**Dingli Swallows** 0

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – Ivan Casha, Mark Anthony Bonnici (Aaron Attard 44), Rupert Mangion, Roderick Fenech, Neville Galea, Marcelo Perreira (Mead Mifsud 89), Gaetan Spiteri, Martin Hrubsa, Joao Batista Mawere Junior, Jonathan Holland, Manolito Micallef (Mark Barbara 84)
*Coach* – Steve D'Amato
**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Clint Caruana (Christophor Azzopardi 71), Renato Garcia Conceicao, Shawn Tellus, Haruna Doda, Kurt Formosa, Victor Fiteni, Christian Muscat (Justin Muscat 89), Dino Cachia, Kevin Borg, Andre Rocha Da Silva (Roderick Spiteri 89)
*Coach* – Jesmond Zammit
**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Philip Agius, Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Esther Azzopardi
**Ammoniti** – V. Fiteni, R. Conceicao, S. Tellus, H. Doda (B); M. A. Bonnici, R. Fenech (HS)
**Tkeċċa** – V. Fiteni 18 (DS)



Michael Galea (Birkirkara) jidher imdawwar b'diversi plejers Slimiżi



Tyrone Farrugia (Msida) jidher jikkontrolla l-ballun qabel ikkonkluda lejn il-lasta ta' Dingli

### PREMIER

**Logħba Nru 31 – 21.11.2009 - 14.00 hrs**

**Msida St. Joseph** 2
A. Spiteri 73, T. Farrugia 84

**Dingli Swallows** 1
J. Okonkwo 12

HT 0-1 **Hibs Ground**

**Msida SJ** – Manuel Bartolo, Stefano Grima, Roderick Baldacchino, Cedric Sciberras, Tyrone Farrugia, Adam Spiteri, Andrew Formosa (Luke Saliba 90), Kevin Mifsud, Adrian Farrugia (Joseph D'Amato 71), Emiliano Lattes, Lydon Micallef (Iro Curmi 59)
*Coach* – Mark Marlow
**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Renato Garcia Conceicao, Roderick Spiteri, Haruna Doda, Kurt Formosa, Christian Muscat, Dino Cachia (Etienne Farrugia 79), Kevin Borg (Christopher Azzopardi 88), Matthew Borg, Andre Rocha Da Silva (Clint Caruana 41), Joseph Okonkwo
*Coach* – Jesmond Zammit

**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Alan Camilleri, Edward Spiteri
**Raba' Uff.** – Adrian Casha
**Ammoniti** – C. Sciberras (MSJ); K. Borg (DS)

### PREMIER

**Logħba Nru 32 – 21.11.2009 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 2
O. Malesenoks 38, 90

**Floriana** 3
C. Ciantar 28, R. Darmanin 36, E. Herrera 40 o.g.

HT 1-3 **Hibs Ground**

**Hibernians** – Mario Muscat, Edward Herrera, Adrian Pulis, Aaron Xuereb (Matthew Tabone 45), Christian Callejas, Etienne Barbara, Andrew Cohen, Olegs Malasenoks, Triston Caruana, Yan Cauchi (Rene Duca 73), Ryan Camilleri
*Coach* – Mark Miller
**Floriana** – Bernard Paris, Brian Said, Clifton Ciantar (Sacha Borg 82), Julian Briffa, Marlon Briffa, Pablo Doffo, Akanni Sunday Wasiu, Orosco Anonam, Duncan Pisani, Joseph Borg (Luke Agius 69), Ryan Darmanin (Mark Spiteri 74)
*Coach* – Roddy Collins
**Referee** – Paul Caruana
**Assistenti** – Konrad Borg, William Debattista
**Raba' Uff.** – Adrian Azzopardi
**Ammoniti** – O. Anonam, J. Briffa, R. Darmanin, S. Borg (F); Y. Cauchi, O. Malesenoks (H)
**Tkeċċa** – J. Briffa 53 (F)

### PREMIER

**Logħba Nru 33 – 22.11.2009 - 15.00 hrs**

**Qormi** 2
M. Grima 37, C. Da Silva 63

**Hamrun Spartans** 0

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Qormi** – Matthew Farrugia, Ramon Dos Santos, Massimo Grima (Joseph Chetcuti 82), Keith Fenech, Joseph Farrugia, Camillo Da Silva Sanvezzo (Sharlon Pace 89), Ryan Deguara (Kenneth Spiteri 76), Jonathan Bondin, Stephen Wellman, Roderick Sammut, Alfred Effiong
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Hamrun S.** – Ivan Casha, Aaron Attard, Rupert Mangion, Roderick Fenech, Mark Barbara, Neville Galea (Clyde Camoin 50), Marcelo Pereira, Gaetan Spiteri, Martin Hrubsa, Joao Baptista Mawete Junior, Manolito Micallef
*Coach* – Steve D'Amato
**Referee** – Andre Arciola
**Assistenti** – Mariano Debono, Ingmar Spiteri
**Raba' Uff.** – Paul Caruana
**Ammoniti** – K. Fenech, J. Farrugia (Q); I. Casha (HS)

### PREMIER

**Logħba Nru 34 – 23.11.2009 - 19.30 hrs**

**Sliema Wanderers** 0

**Birkirkara** 3
T. Cilia 23, M. Galea 24, S. Comvalius 26

HT 0-3 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – Simon Agius, Ian Azzopardi, Josef Mifsud, Ryan Fenech, Mark Scerri, Jean Pierre Mifsud Triganza, Clifford Gatt Baldacchino (Henry Isaac 46), Ivan Woods (Matthew Bartolo 67), Lucian Dronca (Alex Muscat 36), Ian Ciantar, Clayton Failla
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Birkirkara** – Jorge Mora, Branko Nisevic, Paul Fenech, Trevor Cilia, Michael Galea, Nikola Vukanac, Sean Bajada (Thomas Paris 87), Joseph Zerafa, Sylvano Comvalius (Rowen Muscat 52), Angus Buhagiar, George Mallia (Alan Tabone 69)
*Coach* – Paul Zammit
**Referee** – Adrian Casha
**Assistenti** – Alan Camilleri, Fyodor Zammit
**Raba' Uff.** – Marco Borg
**Ammoniti** – J. P. Mifsud Triganza, M. Scerri, R. Fenech (SW)

### PREMIER

**Logħba Nru 35 – 24.11.2009 - 18.30 hrs**

**Valletta** 2
J. Pace 40, N. Priso 44

**Tarxien Rainbows** 2
A. M. Ribeiro 61, 65

HT 2-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Bezzina, Justin Grioli, Luke Dimech, Kenneth Scicluna, Jordi Cruyff, Dyson Falzon (Gilbert Agius 72), Priso Doding, Terence Scerri, Jamie Pace, Edmond Agius (Kevin Sammut 72)
*Coach* – Tom Caanen
**Tarxien R.** – Anthony Curmi, Steve Sadowski, David Camilleri, Gianluca Calabretta, Everton Antonio Pereira, Mark Tanti (Lee Galea 87), Warren Chircop (Manuel Caruana 71), Luke Vella Critien, Denni Rocha Dos Santos (Kurt Magro 35), Anderson Mendes Ribeiro, Ryan Mintoff
*Coach* – Noel Coleiro
**Referee** – Kevin Azzopardi
**Assistenti** – Philip Agius, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Saviour Tanti
**Ammoniti** – L. Dimech, J. Pace (V); S. Sadowski (TR)



Etienne Barbara (Hibernians) u Julian Briffa (Floriana) jsegwu l-ballun



Everton Pereira (Tarxien) jipprova jwaqqaf lill-attakkant Terence Scerri (Valletta)

stephengatt.com
FREELANCE SPORTS PHOTOGRAPHER

# Goals li ġew skurjati

| No. | Data | Plejer | Tim | | Avversarju | Rd | Ħin | Riżultat | Stadium |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 78 | 04.11.09 | OLEGS MALASENKOS | HIBERNIANS | v | Msida SJ | 1 | 77 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 79 | 04.11.09 | JOAO BATISTA MAWETE JUNIOR | HAMRUN S. | v | Dingli S. | 1 | 16 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 80 | 04.11.09 | MARCELO PEREIRA | HAMRUN S. | v | Dingli S. | 1 | 57 min | 2-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 81 | 04.11.09 | GAETAN SPITERI | HAMRUN S. | v | Dingli S. | 1 | 81 min | 3-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 82 | 21.11.09 | JOSEPH OKONKWO | DINGLI S. | v | Msida SJ | 1 | 11 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 83 | 21.11.09 | ADAM SPITERI | MSIDA SJ | v | Dingli S. | 1 | 73 min | 1-1 | Hibs Ground |
| 84 | 21.11.09 | TYRONE FARRUGIA | MSIDA SJ | v | Dingli S. | 1 | 84 min | 2-1 | Hibs Ground |
| 85 | 21.11.09 | CLIFTON CIANTAR | FLORIANA | v | Hibernians | 1 | 28 min | 1-0 | Hibs Ground |
| 86 | 21.11.09 | RYAN DARMANIN | FLORIANA | v | Hibernians | 1 | 36 min | 2-0 | Hibs Ground |
| 87 | 21.11.09 | OLEGS MALASENKOS | HIBERNIANS | v | Floriana | 1 | 38 min | 1-2 | Hibs Ground |
| 88 | 21.11.09 | EDWARD HERRERA - own goal | FLORIANA | v | Hibernians | 1 | 40 min | 3-1 | Hibs Ground |
| 89 | 21.11.09 | OLEGS MALASENKOS | HIBERNIANS | v | Floriana | 1 | 90 min | 2-3 | Hibs Ground |
| 90 | 22.11.09 | MASSIMO GRIMA | QORMI | v | Hamrun S. | 1 | 37 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 91 | 22.11.09 | CAMILLO DA SILVA SANVEZZO | QORMI | v | Hamrun S. | 1 | 63 min | 2-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 92 | 23.11.09 | TREVOR CILIA | BIRKIRKARA | v | Sliema W. | 1 | 23 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 93 | 23.11.09 | MICHAEL GALEA | BIRKIRKARA | v | Sliema W. | 1 | 24 min | 2-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 94 | 23.11.09 | SYLVANO COMVALIUS | BIRKIRKARA | v | Sliema W. | 1 | 26 min | 3-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 95 | 24.11.09 | JAMIE PACE | VALLETTA | v | Tarxien R. | 1 | 40 min | 1-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 96 | 24.11.09 | NJONGO DODING PRISO | VALLETTA | v | Tarxien R. | 1 | 44 min | 2-0 | Victor Tedesco Stadium |
| 97 | 24.11.09 | ANDERSON MENDES RIBEIRO | TARXIEN R. | v | Valletta | 1 | 61 min | 1-2 | Victor Tedesco Stadium |
| 98 | 24.11.09 | ANDERSON MENDES RIBEIRO | TARXIEN R. | v | Valletta | 1 | 65 min | 2-2 | Victor Tedesco Stadium |

# Min qed jiskorja

**Skorers tal-Kampjonat Premier Goals** – 98 Skorers - 51

9 - Camillo Da Silva Sanvezzo (Qormi)

5 - Joseph Okonkwo (Dingli S.), Mendes Anderson Ribeiro, (Tarxien R.); Terence Scerri (Valletta)

4 - Michael Galea (Birkirkara); Olegs Malasenoks (Hibernians)

3 - Sylvano Comvalius (Birkirkara); Gaetan Spiteri (Hamrun S.); Jean Pierre Mifsud Triganza (Sliema W.); Denni Rocha Dos Santos (Tarxien R.)

2 - Trevor Cilia, George Mallia (Birkirkara); Akanni Sunday Wasiu (Floriana); Marcelo Pereira (Hamrun S.); Rumen Galabov, Edward Herrera (Hibernians); Matthew Bartolo (Sliema W.), Gianluca Calabretta (Tarxien R.); Njongo Priso (Valletta)

1 - Paul Fenech, Karl Pulo (Birkirkara); Orosco Anonam, Christian Caruana, Clifton Ciantar, Ryan Darmanin, Donovan Simmonds (Floriana); Joao Batista Mawete (Hamrun S.); Etienne Barbara, Jonathan Caruana, Elkien Cauchi (Hibernians); Olushola Aganunu, Tyrone Farrugia, Adam Spiteri (Msida St. Joseph); Joseph Chetcuti, Alfred Effiong, Massimo Grima (Qormi); Lucian Dronca, Clayton Failla, Henry Isaac, John Mintoff (Sliema W.); Everton Antonio Pereira, James Shead (Tarxien R.); Jordi Cruyff, Geert Den Ouden, Jamie Pace, Kevin Sammut, Ian Zammit (Valletta).

Awto-Gowls - Alan Tabone (Birkirkara); Renato Conceicao (Dingli S.); Roderick Fenech (Hamrun S.); Edward Herrera (Hibernians); Tyrone Farrugia (Msida St. Joseph).

# Klassifika

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 7 | 5 | 1 | 1 | 12 | 4 | 16 |
| Valletta | 7 | 4 | 2 | 1 | 14 | 4 | 14 |
| Birkirkara | 7 | 4 | 1 | 2 | 13 | 8 | 13 |
| Hibernians | 7 | 4 | 1 | 2 | 13 | 11 | 13 |
| Floriana | 7 | 3 | 2 | 2 | 8 | 12 | 11 |
| Tarxien R. | 7 | 2 | 3 | 2 | 12 | 10 | 9 |
| Sliema W. | 7 | 3 | 0 | 4 | 10 | 8 | 9 |
| Hamrun S. | 7 | 2 | 0 | 5 | 7 | 14 | 6 |
| Msida S.J. | 7 | 1 | 2 | 4 | 3 | 9 | 5 |
| Dingli S. | 7 | 1 | 0 | 6 | 6 | 17 | 3 |

# Il-BOV Plejer tax-Xahar




## Dennie Rocha dos Santos rebbieħ tal-premju għal Ottubru

Il-prestazzjonijiet konsistenti li kellu dan l-aħħar l-attakkant ta' Tarxien Rainbows, Dennie Rocha Dos Santos, wassluh biex jirbaħ l-unur tal-BOV Plejer tax-Xahar għal Ottubru.

Clyde Puli semma kif il-kirja b'rata kummerċjali għandha l-valur ta' madwar €2,000,000 fis-sena filwaqt li bis-sussidju li qed jagħti l-gvern, l-għaqdiet sportivi ser ikunu qed iħallsu bejniethom is-somma ta' €211,450 fis-sena. Dan ifisser sussidju u sostenn qawwi annwalment li normalment ma kienx jigi kkalkulat fil-formola ta' assistenza lill-Għaqdiet Sportivi Maltin.

**madwar €2,000,000 fis-sena f'sussidju f'kera fl-interess tal-isport**

Hu fisser kif dan jindika l-impenn tal-gvern biex jgħin lill-isport Malti u biex jagħmilha aktar faċli biex aktar nies ikunu attirati lejn xi tip ta' sport u attività fiżika. Min-naħa tal-Gvern, hu qal li qed tkompli l-ħidma biex tkun identifikata art oħra li tkun tista' tospita aktar Għaqdiet Sportivi.

Clyde Puli fisser ukoll li dan kollu ma jinkludix il-faċilitajiet sportivi li nsibu fl-iskejjel u li minnhom qed jagħmlu użu klabbs jew Għaqdiet Sportivi oħra. Semma kif sal-lum hemm tlettax–il skola li qed jilqgħu mal-15–il Għaqda Sportiva biex jipprattikaw l-isport tagħhom. Hu qal li disa' minn dawn l-għaqdiet għażlu wkoll li jkomplu jinvestu fil-faċilitajiet sportivi tal-iskejjel. Dan qed isir kemm ta' benefiċċju għall-isportivi iżda aktar u aktar għat-tfal tal-iskola.

Clyde Puli rringrazzja wkoll lis-Segretarju Parlamentari Jason Azzopardi għall-ħidma tiegħu biex dan il-proċess seta' ġie ffinalizzat. Preżenti kien hemm ukoll iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport Bernard Vassallo, Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-iSport Joe Cassar, kif ukoll rappreżentanti tal-klabbs li gawdew minn dawn it-trasferimenti.





# Aktar studenti jieħdu sehem fl-attivitajiet sportivi organizzati mill-KMS Sport Promotion Unit

KMS Sport Promotion Unit (KMS SPU), kompla bl-impenji tiegħu ma' numru ta' skejjel f'diversi Kulleġġi. Fit-28 ta' Ottubru, KMS SPU b'kollaborazzjoni mal-Malta Amateur Athletics Association (MAAA), organizza Kids Athletics Meeting għal studenti tar-raba' sena fil-Kulleġġ Santa Margerita. Dan il-Festival ittella' fil-bini tal-Kulleġġ tas-subien ġewwa l-Verdala. L-iskejjel li pparteċipaw kienu sitta u dawn inkludew l-iskejjel primarji ta' Bormla, Birgu, Isla, Kalkara, Xgħajra u Ħaż-Żabbar.

Total ta' 230 student/a pparteċipaw b'mod sħiħ waqt din l-attività. Il-parteċipanti kellhom hdax-il taħriġ differenti x'jeżerċitaw fosthom; rope skipping, formula 1 race, kids javelin throwing event, endurance race, speed ladder u forward squat jump. Dawn l-istations kienu kollha abbinati ma' għalliem jew uffiċjal tal-MAAA. Matul din il-ġurnata l-element parteċipattiv spikka fuq dak kompetittiv. Fl-aħħar tal-attivita, iċ-Chairman tal-KMS – is-Sur Bernard Vassallo qassam ċertifikat ta' parteċipazzjoni lil kull student/a preżenti. Ir-rappreżentant tat-Teamsport, is-Sur Damien Attard, ippreżenta pakkett ta' riżorsi li huma marbuta mal-atletika, fosthom; cones hurdles, javelins, athletic balls, ladders u ħafna oħrajn.

Il-Ġimgħa, 6 ta' Novembru, KMS SPU organizza Fun Run ġewwa l-iskola Primarja ta' Ħal-Luqa li tinsab fil-Kulleġġ St Injazju. Din l-attività kienet maqsuma fi tlieta:

- L-ewwel sessjoni – Fun Run għall-istudenti kollha (Kinder sal-Year 6)
- It-tieni sessjoni – Play and recreational games għal studenti tal-Kinder, Year 1, 2 u 3.
- It-tielet sessjoni – Sports games għal studenti tal-Year 4, 5 u 6. Dawn kienu jinkludu; l-Basketball, Handball, Rugby, Futbol u kif ukoll Hockey.

Il-ġenituri preżenti kellhom ukoll l-opportunità jassistu għal sessjoni ta' aerobics imtella' minn għalliema fi ħdan KMS SPU. Din kienet attività fejn fiha ipparteċipaw bi sħiħ l-istudenti kollha ta' din l-iskola f'atmosfera unika, fejn fiha spikkat l-importanza tal-attività fiżika bħala stil ta' ħajja differenti u kemm kulħadd jista' jibbenefika minnha. Għal din l-okkażjoni kienu preżenti Bernard Vassallo – Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport u kif ukoll l-uffiċjal edukattiv tal-Edukazzjoni Fiżika u Sports Stephen Grima. L-attività għalqet billi l-Kap tal-iskola, is-Sinjura S. Azzopardi irringrazzjat b'mod partikolari lill-membri kollha fi ħdan KMS SPU, lis-Sur Andre Galea – paripatetic PE teacher tal-iskola, l-għalliema preżenti, u kif ukoll lil numru kbir ta' ġenituri. Wara s-Sur Vassallo u s-Sur Grima ppreżentaw midalja lil kull tifel u tifla preżenti. Dawn il-midalji kienu mogħtija bħala għotja mill-Prinċipal tal-Kulleġġ – is-Sur Horace Caruana.

## Sessjonijiet oħra

Tajjeb li wieħed ukoll isemmi s-sessjonijiet li kuljum qed isiru ma' mijiet ta' studenti fir-rigward tal-Atletika, Ġinnastika u Għawm. Kif ġie spjegat tajjeb fil-ħarġa ta' qabel, dawn it-tliet dixxiplini sportivi – li huma l-bażi għal kull dixxiplina sportiva oħra, jaqgħu taħt l-iskema – Fundamental Basic Sports Skills. Għaldaqstant, studenti





kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt

fit-tielet, ir-raba' u l-ħames sena fil-livell Primarju, qed ikomplu jgawdu minn dan it-taħriġ tant importanti fi żmien hekk bikri f'ħajjet l-istudenti tagħna.

Fil-jiem li ġejjin ser jibdew l-outdoor activities ma' diversi skejjel sekondarji u kif ukoll jitkomplew il-Kids Athletics Meetings għall-Year 4's ma' diversi Kulleġġi oħra.

Matul dawn il-ġranet, bdiet ukoll l-ewwel fażi tal-Futsal Festival ma' 38 skola Primarja u kif ukoll qed jiġu preparati National Sports Festivals li fihom jipparteċipaw studenti minn kull skola, kemm statali u kif ukoll privata u tal-Knisja.

Dawn il-Festivals isiru fuq medda ta' sena skolastika sħiħa bil-għan li ssir promozzjoni ta' xi sport partikolari u kif ukoll tissaħħaħ l-għaqda bejn l-istudenti li jkunu ġejjin minn skejjel minn fost komunitajiet u bliet u rħula differenti.



# Jiġu mnedija l-KMS Sport Malta Awards

Dan l-aħħar, il-Kunsill Malti għall-iSport nieda l-KMS Sports Malta Awards. Dan waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fl-uffiċċji tal-Public Broadcasting Services (PBS) fejn anki kien iffirmat ftehim li hu marbut mat-trasmissjoni diretta tas-serata finali. Din se ssir fis-sala ewlenija ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi s-Sibt, 16 ta' Jannar, tas-sena d-dieħla.

Ic-chairman tal-KMS, Bernard Vassallo, qal li l-kunċett wara t-tnedija ta' dawn l-awards huwa wieħed, li dawn l-awards sportivi barra li jippremjaw l-aqwa sportivi Maltin, jippromwovu wkoll il-valuri li joffri l-isport u attività fiżika. Dawn l-awards huma mmirati biex ikunu rikonoxxuti wkoll bis-sħiħ il-kapaċitajiet tal-isportivi u l-atleti Maltin.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Din l-attività hi maħsuba biex tippremja lil dawk l-atleti, uffiċjali u amministraturi sportivi li juru, fost affarijiet oħra, integrità, eżempju sportiv kontinwu u dedikazzjoni assoluta lejn id-dixxiplina sportiva rispettiva tagħhom, waqt li fl-istess ħin ikunu role models għall-isport b'mod ġenerali.

Vassallo qal ukoll li l-ħsieb tal-Kunsill Malti għall-iSport kien li permezz ta' dawn l-awards aktar nies isiru jafu bit-talent u l-entużjażmu sportiv li hawn f'Malta u dan jista jressaq aktar nies lejn l-isport u l-attività fiżika sabiex tkompli tinfirex kultura sportiva fil-pajjiż u b'hekk ikollna popolu aktar attiv u b'saħħtu.

Dawn il-KMS Sport Malta Awards huma miftuħa għal kull sportiv u sportiva, minn kwalunkwe dixxiplina sportiva mingħajr distinzjoni bejn dixxiplina sportiva u oħra. Skont ic-Chairman tal-KMS il-mira tal-istess KMS hi li permezz ta' dawn l-awards prinċipali sportivi ssir promozzjoni tal-isport u l-attività fiżika. Hija wkoll ix-xewqa tal-KMS li f'dawn l-awards tippartecipa wkoll l-Għaqda Kittieba Sports.

Fis-serata finali li se tittella' s-Sibt, 16 ta' Jannar, l-isport se jkun iċ-ċentru tal-attenzjoni. Iżda fl-istess ħin se tirrifletti l-kwalità u għaldaqstant se tittella' bħala attività gala esklussiva, kif jixraq lill-isport Malti. Vassallo qal li l-KMS laħaq ftehim biex is-serata tixxandar dirett fuq TVM.

Victor Formosa, id-deputat Chairman tal-PBS qal li d-diskussjonijiet bejn il-PBS u l-KMS dwar dan l-avveniment ilhom għaddejjin sew u dan anki wara li sar ix-xogħol tal-preparazzjoni għal dawn l-awards. Hu qal ukoll li hu ta' sodisfazzjon li l-PBS hu parti minn dan il-ftehim għall-ewwel sena ta' dawn l-awards. Fi tmiem il-konferenza kien iffirmat il-ftehim bejn il-KMS u l-PBS dwar dawn l-awards.







# 300 ballun ippreżentati lill-KMS mill-kumpanija Yellow Pages

Il-Kumpanija Yellow Pages ippreżentat 300 ballun tal-futbol lill-Kunsill Malti għall-iSport biex jintużaw fil-programmi tal-iSport Promotion Unit waqt u wara l-ħin tal-iskola f'diversi skejjel.

Din il-preżentazzjoni saret lis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru, fl-iskola Sekondarja Subien tal-Kulleġġ Santa Margerita.

L-Onorevoli Puli tenna l-importanza li kumpaniji privati bħal Yellow Pages jgħinu fit-tixtil ta' kultura sportiva u stieden kumpaniji privati oħra biex jieħdu l-eżempju tal-Yellow Pages u joffru apparat sportiv lill-Kunsill Malti għall-iSport biex ikun jista' jħaddem aħjar id-diversi programmi sportivi li joffri.

In-nefqa tal-Kunsill Malti għall-iSport għall-apparat fis-sentejn li għaddew tammonta għal kważi €21,000, €626 għas-sena skolastika 2008-2009 u €20,000 għas-sena skolastika 2009-2010.

F'din is-sena skolastika (2009/2010), il-KMS Sport Promotion Unit qed jorganizza diversi attivitajiet sportivi u skemi, fosthom il-Fundamental basic sports skills, l-Outdoor Activities u l-College Based Sports Activities fil-ħames Kulleġġi magħżula,
Kulleġġ San Injazju,
Kulleġġ Santa Klara,
Kulleġġ Santa Margerita,
Kulleġġ San Benedettu, u
Kulleġġ Santa Tereża.

Dan kollu apparti l-iSport festivals fl-Atletika, fil-Basketball, fil-Football, fil-Ġinnastika, fil-Handball, fir-Rugby u fil-Volleyball u diversi tournaments oħra fuq skala nazzjonali, fejn kull skola f'Malta tkun mistiedna tipparteċipa.





# Xogħol infrastrutturali u ta' manutenzjoni kbir fil-korsa tal-Marsa

## Investiment qawwi wkoll fl-isport popolari taż-żwiemel

Dan l-aħħar is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, żar il-kumpless tal-korsa tal-Marsa biex jara mill-viċin ix-xogħol kbir infrastrutturali u ta' manutenzjoni li sar matul il-ġimgħat li għaddew biex dan l-isport jogħla fil-livell ukoll f'pajjiżna. Waqt din iż-żjara, is-Segretarju Parlamentari kien akkumpanjat mill-ogħla uffiċjali tal-Malta Racing Club immexxija mic-Chairman Dr. Matthew Brincat u mid-Direttur tal-proġetti, Marco Millo. Preżenti wkoll għall-attività kien hemm iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport Bernard Vassallo u ċ-Chief Executive tal-istess KMS, Joe Cassar

Fiż-żjara, ġie spjegat ix-xogħol li sar matul is-Sajf. Fost ix-xogħolijiet li saru matul l-aħħar xhur kien hemm it-tibdil tar-ramel tal-korsa li kien importat apposta mill-Montenegro. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja tat-tiġrijiet taż-żwiemel f'pajjiżna li ramel li ntefa' fil-korsa ġie mpurtat minn barra minn Malta. Fl-istess waqt sar illivellar tal-korsa skont il-pjanti oriġinali. Ix-xogħlijiet kollha saru wara konsultazzjoni ma' dawk involuti f'dan l-isport, fosthom il-Horse Owners & Drivers Association.

Xogħolijiet oħra kienu jinkludu tindif ġenerali kif ukoll modernizzar ta' diversi partijiet tal-korsa. Fost dawn ta' min isemmi ix-xogħolijiet li saru fil-paddock area, li jinkludu tindif, xogħol ta' żebgħa, qlugħ ta' billboards antiki, railing ġdid kif ukoll saret rampa tal-lastiku ġdida, biex tipproteġi saħħet iż-żwiemel.

Minbarra hekk, kienu wkoll introdotti numru ta' miżuri ta' sigurtà biex dan l-isport ikun ipprattikat f'ambjent aħjar. Saru wkoll xi xogħolijiet ta' mmodernizzar fil-korsa l-qadima li ser isservi bħala post alternattiv għal taħriġ kif ukoll biex tkun f'pożizzjoni li tilqa' aktar żwiemel.

Is-Segretarju Parlamentari fisser dan l-immodernizzar bħala investiment f' sport li hu tant popolari f'pajjiżna. Hu qal li fis-sena li jmiss il-Gvern irid jara dan l-isport ikompli jikber u jorganizza ruħu b'mod professjonali.

Is-Segretarju Parlamentari faħħar ix-xogħolijiet li saru filwaqt li rringrazzja lid-dilettanti u s-sidien taż-żwiemel għal paċenzja tagħhom, waqt li l-korsa nżammet magħluqa, sabiex setgħu isiru x-xogħolijiet meħtieġa biex il-korsa tkun ta' ċertu livell.



## Jingħata bidu għall-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-Kumpless Sportiv tal-Marsa

Dan l-aħħar ingħata bidu għall-proċess ta' konsultazzjoni dwar il-kumpless Sportiv tal-Marsa. Dan min-naħa tal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar. Dan il-proċess għandu jwassal għall-pubblikazzjoni ta' Master Plan li jimassimizża l-użu tal-art allokata għall-isport, filwaqt li jindirizza l-ħtiġijiet ta' numru ta' organizzazzjonijiet sportivi. Dan tħabbar ukoll waqt li s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, kien qiegħed jara mill-viċin ix-xogħolijiet li saru fil-korsa taż-żwiemel fil-Marsa.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt





# Jiġi estiż il-ħin tal-KMS Tal-Qroqq Fitness Centre





Il-Kunsill Malti għall-iSport jixtieq javża lill-pubbliku sportiv li b'effett, mit-30 ta' Novembru, l-istess Kunsill iddeċieda li jestendi s-sigħat tal-ftuħ tal-KMS Tal-Qroqq Fitness Centre kif ġej:

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-7.00 am u l-10.00 pm**

**Il-Ħinijiet is-Sibt, il-Ħadd u fil-festi pubbliċi se jkunu bħal kif inhuma llum, jiġifieri bejn id-9.00 am u l-5.00 pm.**

Ċertament dawn il-ħinijiet huma ta' benefiċċju għall-membri kollha.

# Issir b'suċċess edizzjoni oħra tal-Malta Darts International Open

Nhar, it-Tlieta 17 ta' Novembru l-Malta Darts Association tat bidu għall-għoxrin il-edizzjoni tal-Malta Open fejn minbarra plejers lokali pparteċipaw ukoll plejers minn Ċipru, l-Italja, l-iSkozja, l-Ġermanja u minn postijiet varji fl-Ingilterra.

Matul l-ewwel ġurnata sar il-logħob tad-doppji, fejn wara erba' siegħat ta' logħob kontinwu waslu biex jikkontestaw il-Kwarti-Finali George Cooper/Gary Eastwood (Ingilterra), Colin Rice/Karsten Koch (Ġermanja), Andy Krockel/Charles Ghiller (Ġermanja/Malta), Roy Brown/Alan Yates (Ingilterra), Vince Busuttil/Gordon Stanmore (Malta), Mark Thomson/Chris Aubrey (Ingilterra), Christos Christou/Roger Bloxham (Ċipru) u Andy Saulders/Ben Welford (Ingilterra). Fid-doppji tan-nisa il-Maltin, Joyce Fenech Borg u Jacqueline Gauci, waslu sas-Semi-Finali ta' din il-kategorija flimkien ma' Ally Thomson/Rachel Hutton, Ann u Dawn Chilton u Tina Rowlands/Joyce Stanton kollha mill-Ingilterra. B'kollox ikkompetew 94 koppja bejn irġiel u nisa.

Intant quddiem pubbliku numeruż intlagħabu l-individwali tal-irġiel u n-nisa, fejn b'kollox ħadu sehem 171 il-parteċipant. Finalment ikkontestaw il-Kwarti-Finali tal-irġiel Steve Claxton, Mark Thomson, Roy Brown, Wayne Thurlow u Gary Eastwood mill-Ingilterra, Andreas Laos minn Ċipru u Mario Camilleri u George Mizzi minn Malta. Il-logħob tal-irġiel kien l-aħjar minn 3 sets,



b'kull set ikun magħmul mill-aħjar 3 legs. Fil-kategorija tan-nisa waslu sas-Semi-Finali l-plejers Wendy Reinstadtler, Jan Murphy, Maggie Sutton u Jane Stubbs kollha mill-Ingilterra. Il-Maltin Joyce Fenech Borg u Jacqueline Gauci rnexxielhom jaslu biss sal-Kwarti-Finali. Dawn il-logħbiet kienu fuq l-aħjar 5 legs.

Waqt il-logħob individwali nqabdu xejn inqas minn 23 punteġġ massimu ta' 180, filwaqt li James Adam Bosch (Ġermanja) irreġistra l-aħjar leg b'għaxar darts b' skor ta' 125, 180, 180 u 16.

Il-Ħamis, 19 ta' Novembru kienet l-aħħar ġurnata tal-Malta Darts International Open, bil-programm kien kollu mil-logħbiet finali fil-kategoriji rispettivi. Il-logħba finali tad-doppji u dik tal-individwali tan-nisa saret fuq bażi tal-aħjar minn 7 sets, filwaqt li l-finali tal-irġiel individwali saret fuq l-aħjar minn 3 sets, kull set l-aħjar minn 5 legs. L-ewwel finali dik tad-doppji tan-nisa kienet bejn Ally Thomson u Rachel Hutton kontra Tina Rowlands u Joyce Stanton, kollha mill-Ingilterra u li fis-Semi-Finali eliminaw lil Ann u Dawn Chilton u Joyce Fenech Borg u Jacqueline Gauci rispettivament. Il-finali kienet kummbattuta sal-aħħar, b'Thomson u Hutton jiksbu suċċess bl-iskor ta' 4-3. It-tieni finali dik tad-doppji tal-irġiel kienet missielta ħafna fejn finalment ħarġu rebbieħa George Cooper u Gary Eastwood b' skor ta' 4-1 kontra Andy Saunders u Ben Walford. Dawn wara li eliminaw lil Roy Brown/Alan Yates u Mark Thomson/Chris Aubrey fis-Semi-Finali u lil Colin Rice/Karsten Koch u Christos Christou/Roger Bloxham fil-Kwarti-Finali. Fit-tielet finali dik tal-individwali tan-nisa kienet Wendy Reinstadtler li ħarġet rebbieħa meta għelbet lil Maggie Sutton 4-2. Huma eliminaw lil Jane Stubbs u Jan Murphy rispettivament fis-Semi-Finali b'skors ta' 3-0 u 3-1. L-aktar finali mistennija bla dubju kienet dik tal-individwali tal-irġiel. Din ġiet ikkontestata bejn Roy Brown u Mark Thomson, żewġ plejers magħrufa sew għall-livell għoli tagħhom fix-xena internazzjonali. Dawn kienu eliminaw lil Wayne Thurlow u Steve Claxton u finalment kien Thomson li ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 1-3, 3-1 u 3-0. Waqt il-logħob tal-Ħamis inqabdu xejn anqas minn 19-il punteġġ massimu ta' 180, filwaqt li l-aħjar għeluq kien ta' Steve Claxton b'155. L-aħjar leg tal-ġurnata rnexxielu jagħmilha Roy Brown b'11-il dart.

Il-Malta Darts Association kienet waħda minn dawk l-assoċjazzjonijiet li bbenefikaw mill-iskema ta' Turizmu Sportiv offruta mill-Kunsill Malti għall-iSport bl-għajnuna tal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.




# Better value, same price.
# Starting from €13,990*

**Standard features include:** Power steering, Air conditioning Climatic, Remote central locking, Electric windows, Electric heated mirrors, Driver and passenger front and front side airbags, Radio CD MP3 with four front speakers, ABS, 15" Alloy wheels, 3 Spoke leather steering wheel, Leather gear lever and handbrake lever, On-board computer, Flat tyre indicator and Front centre armrest.

## New Polo. Remarkable.

**Das Auto.**

***Retail price = €9,412. Registration tax & VAT + €4,578. Total = €13,990**

Continental Cars Ltd. Princess Margaret Street, Msida MSD1330, Malta Tel: 2347 6315/6/7 Mobile: 9943 3330 Email: info@ccl.mizzi.com.mt
Mizzi Motors Showroom. Mgarr Road, Ghajnsielem GSM9016, Gozo Tel: 2155 6942 Mobile: 9945 5699 Email: joecurmi@mizzimotors.com.mt

member of the:
MIZZI ORGANISATION

# The Porsche Panamera

## Setting the standard in Technology and Individual Style

The first four-door Porsche in the history of the brand, the Panamera Gran Turismo, has been proudly presented to the Maltese market by Continental Cars during a recent launch party held at the Porsche Showroom at Ta' Xbiex.

The evening event was well-attended by an admiring audience, and hosted with aplomb by Chev Maurice Mizzi who introduced the car by making a short speech. He mentioned that through its design and looks alone, the Panamera immediately stands out from its competitors at first sight. Furthermore, there is no other car in its class which offers such a truly unique mixture of sporting performance and luxurious comfort.

Porsche is expanding its range of models by introducing the Panamera, and the brand has thus entered into a completely new market segment for its customers.

Taking its elegant place alongside the 911, the Cayenne, and the Boxster/Cayman, this new four-door Gran Turismo is Porsche's fourth model series. The Panamera makes its debut as an eight-cylinder car delivering 400 horsepower with both rear-wheel and all-wheel drive, a six-cylinder gasoline model, and a hybrid version to follow later on.

For more details about the superb new Porsche Panamera, visit the Porsche Showroom at Testaferrata Street, Ta' Xbiex or call on 23476340 / 60. Alternatively log on to www.porsche.com.mt






# The New Polo... With that look you will go a long way!




Seven months ago, the Geneva Motor Show was the showcase for the latest version of the Polo to make its debut complete with a totally new look and greatly-enhanced technology. In due course, this beautiful addition to the Volkswagen range formally entered the local market during a recent launch event held at the Grand Hotel Excelsior.

Chev. Maurice Mizzi hosted the occasion and in a few well-chosen words of introduction, he proudly mentioned that no other car in its class has such a mature, high-end image as the new Polo. Comfort and safety have all taken a qualitative leap forward. Amongst many other of its features, the Polo has been expressly designed to attain the recently-established, stricter and more comprehensive 5-star EuroNCAP rating.

In a change from the previous model, the car now features many enhanced specifications which come as standard. These include power steering, air-conditioning Climatic, remote central locking, front electric windows, electric heated mirrors, driver and passenger front and front-side airbags, radio CD MP3 with four front speakers, ABS, 15" alloy wheels, 3-spoke leather steering wheel, leather gear and handbrake levers, on-board computer, flat tyre indicator and front centre armrest.

The retail price for the new Polo is €9,412, with registration tax and VAT amounting to a further €4,578, making the final selling price €13,990.

More information can be obtained from the VW Showroom in Princess Margaret Street Msida. You can also phone on 23476315/6/7 or visit www.volkswagen.com.mt

minn Tonio Farrugia

## KAMPJONAT 1952-53 (It-Tielet Parti)

# L-MFA tieħu miżuri biex trażżan is-somom rekord fis-suq tat-trasferiment

**21-12-1952:**
**Floriana FC** .................... 2
**Rabat FC** ........................ 1 **H.T 0-1**
**Ref:** Walter (Watty) Gatt
**Skurjaw:** V. Mallia (R) 24' u P. Demanuele (F) 72' u 86'.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Willie Xerri, Leli Zammit, Ġużi Bennetti, Lino Farrugia, Tony Vella, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Stan Williams, Lolly Vella, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**RABAT FC:** Anthony Micallef, Walter Powell, Alfie Pearson, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charles 'Il-Kis' Zahra, Joe Mizzi, Ernest Chappelle, Maurice Cali'-Warrington, Charlie Theuma, Vince Mallia.

**1.** Ċensu Mallia reġa' skorja goal simili għal dak li skorja fl-aħħar ħarġa meta għal darb'oħra Cali ppressa lid-difensur avversarju, din id-darba Lino Farrugia, li qassam ħażin lura lejn il-goalkeeper sieħbu Ġużi Alamango li nqabeż mill-ballun u Ċensu Mallia fuq il-ġirja baqa' għaddej minn ħdejn Alamango u spara f'xibka vojta.

**2.** Floriana kienu għadhom kemm tilfu l-MPFA Shield (Malta Playing Fields Association Shield) meta fit-12 ta' Diċembru, 1952, sfaw megħluba 3-2 mit-tim tal-UK Services f'partita kkontrollata mir-referee Joe Cassar Naudi.

## AĦBARIJIET

Fil-Laqgħa Ġenerali tal-MFA ittieħdu miżuri ntiżi biex irażżnu s-somom rekord ta' flus li kienu qed jintefqu fit-traferimenti mill-klabbs Maltin. Dan wara li fis-sajf Birkirkara kienu ħallsu £350 għal Leli 'Il-Likku' Saliba u Valletta £400 għat-'Tichy' Grech. Fost dawn ir-regoli kien hemm li jekk plejer li jiġi mpoġġi fuq il-lista tat-trasferimenti minn klabb titpoġġielu somma ta' aktar minn £100 biex jinbiegħ, il-klabb irid iħallas lill-plejer għaxra fil-mija tas-somma aktar minn £100 kull xahar jekk kemm-il darba l-plejer jibqa' ma jinbigħx sa tliet xhur wara. Biex dan ma jsirx il-klabb irid iniżżel is-somma tat-trasferiment għal £100. Barra minn hekk plejers professjonali ta' klabbs tal-Ewwel Diviżjoni ma setgħux jitħallsu aktar minn £40 fi staġun, tat-Tieni Diviżjoni £20 u plejers tat-Tielet Diviżjoni £10.

Fit-2 ta' Diċembru, 1952, tħabbret il-mewt tas-Sur Carmelo 'Meme' Scicluna O.B.E proprjetarju u General manager tal-Empire Stadium. Huwa kellu 65 sena. Is-Sur Scicluna kien daħal fix-xena tal-football lokali meta bena l-Empire Stadium tal-Gżira fl-1922. Is-Segretarju tal-MFA Eugenio Bonello ħabbar li l-logħob kollu tal-MFA li kellu jintlagħab fl-Empire Stadium l-Erbgħa 3, il-Ħamis 4 u l-Ġimgħa 5 ta' Diċembru tħassar b'rispett lejn il-memorja tas-Sur Scicluna. Barra minn hekk fil-logħob kollu ta' tmiem il-ġimgħa kellha tinżamm minuta silenzju. Il-funeral tiegħu sar fl-4 ta' Diċembru, 1952, fil-Knisja Parrokjali tal-Gżira fejn wara ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

F'partita ta' ħbiberija li saret fit-28 ta' Diċembru, 1952, Sliema Wanderers għelbu lil Rabat FC 5-0 bil-goals kollha jaslu minn Tony Nicholl.

Fit-Tourney tal-Milied li sar lejn tmiem is-sena 1952 u l-bidu tas-sena 1953 is-centre forward tat-tim Svizzeru Chaux-de-Fonds kien il-veteran ta' 42 sena Jiri Sobotka (imwieled fit-8 ta' Ġunju 1911) li 19-il sena qabel kien lagħab fil-final tat-Tazza tad-Dinja maċ-Ċekoslovakkja kontra l-Italja.

Għalkemm fl-istorja kienet biss il-partita tal-MFA XI kontra Hajduks tal-Jugoslavja ta' Marzu, 1945, li baqgħet imsemmija għal mod kif il-folla Maltija qamet u kantat l-Innu Malti wara li dan ma ndaqqx mill-Banda tal-KOMR jidher li dan il-fatt kien ta' spiss jirrepeti ruħu




**It-tim ta' Hibernians finalist tal-FA Trophy, fl-1951-52**

# HOLLAND & BARRETT

*we're good for you*

# Open in St. Julian's

St. George's Road, St. Julian's – Tel. No. 2138 4816




*Holland & Barrett is the UK's leading retailer of Vitamins, Food Supplements, Healthy Foods, Herbal Remedies, Aromatherapy & Homeopathy, amongst others*




## www.hollandandbarrett.com.mt




**10% OFF on all products on presentation of this advert**

HOLLAND & BARRETT

*we're good for you*

*This offer ends 31-12-2009*

tant li skond rapporti fil-gazzetta ta' kull ġimgħa Is-Sebħ din faħħret lill-folla preżenti għall-partiti tal-MFA XI kontra Chaux-De-Fonds tal-4 ta' Jannar, 1953, u tal-MFA XI kontra Malmoe jumejn wara meta anke hemmhekk il-folla preżenti qamet u kantat l-Innu Malti wara li l-Innu Nazzjonali Malti reġa' ma ndaqqx mill-Banda preżenti.

**10-01-1953:**
**Birkirkara FC ................ 2**
**St.George's FC .............. 0 H.T 1-0**
**Ref:** Joseph Spiteri
**Skurjaw:** Pye (B) 5' u F. Bonnici (S) 49'.

**BIRKIRKARA FC:** Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Leli 'Il-Likku' Saliba, Stephen Samut Tagliaferro, Pye, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**ST.GEORGE'S FC:** Ninu Degiorgio, Ġużi 'Ta'Belsen' Caruana, Frans Purkiss, Bugeja, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, Nenu Bonavia, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna, Joe 'Il-Felli' Ciantar.

**1.** St.George's FC ipprotestaw fuq ir-reġistrazzjoni tal-plejer tas-Servizzi Pye minħabba li sostnew li r-reġistrazzjoni tal-plejer Ingliż minħabba li kienet fuq il-Form K suppost li ddaħħlet 24 siegħa qabel il-partita. Il-plejer kien irreġistra ma' Birkirkara eżatt qabel il-partita. Huwa kien jilgħab f'Malta mat-tim tas-Servizz HQ Malta Garrison.

**11-01-1953:**
**Hibernians FC .............. 0**
**Valletta FC...................... 0**
**Ref:** Joe M. Cassar Naudi.

**HIBERNIANS FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Joe Xuereb, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**VALLETTA FC:** Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Joe 'It-Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Freddie Farrugia, Silvio Rapinett, Leli 'Il-Pesa' Pace, Salvinu Schembri, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

**1.** Il-partita ntlagħbet taħt xita kontinwa bil-wiċċ tal-ground ikun kollu tajn u żlieq.

**KLASSIFIKA:** Valletta FC 10 pti.; Birkirkara FC 8 pti.; Floriana FC 7 pti.; Sliema Wdrs. FC 6 pti.; St.George's FC u Hibernians FC 5 pti.; Rabat FC 4 pti. u Ħamrun Sp. FC 3 pti.

**L-AQWA SKORERS:** L. Pace (Valletta FC) 7 goals; C. Azzopardi (Floriana FC) 4 goals; G. Psaila (Ħamrun Sp. FC), J. C. Coulon (Hibernians FC), P. Demanuele (Floriana FC) u P. Vassallo (Valletta FC) 3 goals.

## IS-SEBA' ĠURNATA

**17-01-1953:**
**Hibernians FC .............. 3**
**Rabat FC ........................ 1 H.T 1-0**
**Skurjaw:** M. Kingston (H) 31' u 63', V. Mallia (R) 65' u M. Kingston (H) 78'.

**HIBERNIANS FC:** Johnnie 'Skipper' Formosa, Joe Griscti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Joe Vella Borg, Joe Xuereb, Michael Kingston, Fredu Church, Jean Claude Coulon, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

**RABAT FC:** Anthony Micallef, Walter Powell, Alfie Pearson, George Dalli, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Charles 'Il-Kis' Zahra, Mario Merola, Charlie Theuma, Maurice Cali'-Warrington, Ernest Chappelle, Vince Mallia.

**1.** John Gatt ta' Hibernians tkeċċa fit-80 minuta wara li kkometta foul u xejjer bis-sieq lejn plejer avversarju. Dan il-foul ta' Gatt qajjem inkwiet u ġlied kbir bejn il-plejers taż-żewġ naħat fejn kellha tintervjeni il-Pulizija fuq il-Kavallerija. Il-plejer John Gatt aktar tard kien ġie sospiż żewġ partiti u mmultat £2. Anke Robert Powell ta' Rabat minkejja li ma tkeċċiex kien ġie mwissi severament u mmultat £3 mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li anke hu kien instab ħati li xejjer bis-sieq lill-plejer avversarju.

**2.** Kien hemm diversi protesti minn Rabat matul il-partita minħabba li tħassrulhom żewġ goals ta' Merola u ta' Calì qabel il-mistrieħ u protesti fuq it-tielet goal skurjat minn Kingston ta' Hibernians wara l-mistrieħ. Rabat ipprotestaw li fl-okkażjoni tal-goal ta' Calì l-linesman Leslie Clairdale issenjala għal offside fuq Mario Merola minkejja li dan ma kienx qed jieħu sehem fl-azzjoni filwaqt li fil-goal ta' Kingston il-goalkeeper Micallef kien salva l-ballun qabel ma qabeż il-linja tal-goal.

**18-01-1953:**
**Sliema Wdrs. FC........... 4**
**St.George's FC .............. 0 H.T 2-0**
**Ref:** Major Alfred P. Briffa (RMA)
**Skurjaw:** Ġ. Vassallo (S) 13', T. Nicholl (S) 38', C. Mattocks (S) 70' u Ġ. Vassallo (S) 81'.

**Sliema Wdrs. FC:** Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Ray Edwards, Ġużi Cuschieri, Maurice Walsh, Ġużi Vassallo, Tony Nicholl, Frank Tonna, Charlie Mattocks.

**St. George's FC:** Ninu Degiorgio, Twanny Mallia, Frans Purkiss, Ġużi 'Ta'Belsen' Caruana, Żużu Rizzo, Peppi Delceppo, Oscar Bartolo, P. Bugeja, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Nenu Bonavia, Salvu 'L-Iscotch' Scicluna.

**1.** St. George's kienu qed jilagħbu mingħajr Ġużi Ciantar 'Il-Felli' li kien sospiż logħba filwaqt li għal Wanderers irritorna Tony Nicholl wara li skonta sospensjoni ta' logħba.

**2.** Frank Tonna huwa iben Edgardo Tonna 'Id-Daddu' li rebaħ il-kampjonat ma' Sliema Wdrs. fis-snin għoxrin.




**Azzjoni bejn Hamrun Spartans u Hibernians 1952-53**



Azzjoni bejn Floriana u Hibernians 1952-53

**24-01-1953:**
**Floriana FC.................... 3**
**Valletta FC..................... 1 H.T 2-0**
**Ref:** Major Alfred P.Briffa (R.M.A).
**Skurjaw:** L. Borg (F) 9', L. Vella (F) 38', S. Williams (F) 55' u S. Schembri (V) 88'.

**FLORIANA FC:** Ġużi Alamango, Willie Xerri, Leli Zammit, Donald Mock, Tony Dalli, Tony Vella, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Stan Williams, Lolly Vella, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**VALLETTA FC:** Pawlu Montebello, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Joe 'Tichy' Grech, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Freddie Farrugia, Ġużi 'L-Iswed' Mallia II, Silvio Rapinett, Salvinu Schembri, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Stanley Williams ta' Floriana falla penalty mogħti għal handsball ta' Nenu Mackay fil-21 minuta. L-istess sfortuna messet lil Salvinu Schembri ta' Valletta li wkoll falla penalty fil-91 minuta meta xxuttja għoli mill-penalty spot. Il-penalty favur Valletta kien ġie mogħti ngustament meta propjament kien il-plejer tagħhom stess Freddie Farrugia li mess il-ballun b'idu.

2. Il-goal ta' Salvinu Schembri għal Valletta wasal b'xutt dirett minn corner.

3. Il-logħob kellu jieqaf għal ħames minuti meta Pulizija tal-Kavallerija ħtieġilhom jintervjenu biex igibu l-kalma fil-ground wara li xi partitarji ta' Valletta ppruvaw jaqbżu fil-ground wara li l-plejer tagħhom Joe Grech 'It-Tichy' waqa' u baqa' mal-art wara li ntlaqat minn xutt qawwi ta' Pullu Demanuele waqt il-logħba normali.

4. Valletta kienu qegħdin jilagħbu mingħajr l-aqwa skorer tal-kampjonat Leli Pace 'Il-Pesa' minħabba li kien ġie sospiż għal xahar mill-Bord tad-Dixxiplina tal-Army wara nċidenti li nqalgħu fil-partita tal-League tal-Army bejn it-tim ta' Pace 1st Coast Regt. RMA u 42nd Commando RMA. Is-sospensjonijiet li jingħataw fl-Army kienu jgħoddu għall-kampjonati tal-MFA u viċi versa.

5. Valletta akkwistaw lura lill-plejer Ġużi 'L-Iswed' Mallia II mingħand St.George's. Huwa kien sieħeb lil St. George's mingħand Valletta fl-1949-50. Plejers oħra akkwistati minn Valletta mingħand St. George's kienu Charles Zerafa u Carmelo Gili.

6. L-ewwel każ magħruf ta' missier coach u l-iben plejer fil-football Malti meta Donald Mock iddebutta ma' Floriana filwaqt li missieru Billy Mock kien il-coach tal-istess klabb.

**25-01-1953:**
**Birkirkara FC................ 1**
**Ħamrun Sp. FC............. 0 H.T. 0-0**
**Ref:** Walter (Watty) Gatt
**Skorja:** L. Saliba (B) 68'.

**BIRKIRKARA FC:** Ray Cosby, Sunny Borg Cardona, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lewis Caruana, Fredu Preca, Leli 'Il-Qali' Attard, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Leli 'Il-Likku' Saliba, Stephen Samut Tagliaferro, George Briffa, Ġużi 'Il-Gross' Pisani.

**ĦAMRUN SP. FC:** Ġużi 'Il-Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Oscar Gatt, George Jones, Ġużi Zammit, Leli 'It-Tirjule' Borg, Salvu Bartolo, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Żużu 'Qomos' Sciberras.

1. It-tim promoss ta' Birkirkara FC għall-ewwel darba fl-istorja jitla' fil-quċċata tal-Ewwel Diviżjoni.

2. Ħamrun Spartans kellhom lura fit-tim lill-plejers Salvu Azzopardi, Ġużi Zammit u Ġużi Buttigieg. Azzopardi u Zammit kienu nqalgħu mit-tim wara t-telfa ta' 4-1 kontra Valletta xahrejn qabel filwaqt li Buttigieg kien ilu nieqes mit-telfa ta' 3-1 kontra Hibernians tat-2 ta' Novembru 1952.

3. Leli Borg 'Id-Diju' kien ġie mwissi severament u mmultat għaxar xelini mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara li ta daqqa ta' ħarta lill-plejer tal-Ispartans.

**KLASSIFIKA:** Valletta FC u Birkirkara FC 10 pti.; Floriana FC 9 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; Hibernians FC 7 pti.; St.George's FC 5 pti.; Rabat FC 4 pti. u Ħamrun Sp. FC 3 pti.

**L-AQWA SKORERS:** L. Pace (Valletta FC) 7 goals u C. Azzopardi (Floriana FC) 4 goals.

# LIVE & EXCLUSIVE this December on melita sports



## Barclays Premier League

*With Manchester United and Arsenal following not far behind, watch Chelsea fight with all they've got to retain their current top table position.*

| | | |
|---|---|---|
| **West Ham Utd vs. Man Utd** | *Saturday 5 December at 4PM* | ***LIVE*** |
| **Man City vs. Chelsea** | *Saturday 5 December at 6:30PM* | ***LIVE*** |
| **Man Utd vs. Aston Villa** | *Saturday 12 December at 6:30PM* | ***LIVE*** |
| **Man Utd vs. Wolves** | *Tuesday 15 December at 9PM* | ***LIVE*** |
| **Fulham vs. Man Utd** | *Saturday 19 December at 4PM* | ***LIVE*** |
| **Arsenal vs. Aston Villa** | *Sunday 27 December at 2:30PM* | ***LIVE*** |
| **Man Utd vs. Wigan Athletic** | *Wednesday 30 December at 9PM* | ***LIVE*** |

## UEFA Champions League

*Follow the top European teams as they battle it out during the end of group stage in Match Day 6 for their last chance to make it to the Knock Out round in Spring.*

**Match Day 6**

*Tuesday 8 December and Wednesday 9 December at 8:45PM* ***LIVE***





## UEFA Europa League

*The UEFA Europa League continues with interesting encounters during Match Day 5 and Match Day 6.*

| | | |
|---|---|---|
| **Match Day 5** | *Thursday 3 December at 9:05PM* | ***LIVE*** |
| **Match Day 6** | *Thursday 17 December at 7PM and 9:05PM* | ***LIVE*** |




## Serie A

*Watch Juventus play against their all-time Italian rivals and the current Serie A champions, Inter FC.*

| | | |
|---|---|---|
| **Juventus vs. Inter** | *Saturday 5 December at 8:45PM* | ***LIVE*** |

## Bundesliga

*Follow Bayern Munich and Eintracht Frankfurt as they strive their way to the top of the league.*

**Bayern Munich vs. Borussia Monchengladbach**
*Friday 4 December at 8:30PM* **LIVE**

**Eintracht Frankfurt vs. 1. FSV Mainz**
*Saturday 5 December at 3:30PM* **LIVE**

**VfL Bochum vs. Bayern Munich**
*Saturday 12 December 3:30PM* **LIVE**

**Bayern Munich vs. Hertha BSC Berlin**
*Saturday 19 December at 3:30PM* **LIVE**

## Coca-cola Championship

*Enjoy this League as more teams battle it out for a top three position to make it to the Premiership next season.*

## NBA

*Witness the excitement and the sportsmanship on court, live during the top NBA matches.*

| | | |
|---|---|---|
| Cleveland @ Milwaukee | Sunday 6 December at 9PM | LIVE |
| Houston @ Toronto | Sunday 13 December at 6:30PM | LIVE |
| Portland @ Miami | Sunday 20 December at 12AM | LIVE |
| Cleveland @ LA Lakers | Friday 25 December at 11PM | LIVE |
| Houston @ Cleveland | Sunday 27 December at 12AM | LIVE |




## WWE

*Follow all the in-ring action on Melita Sports as the WWE Wrestling Champions come together in the WWE's main event.*

| | |
|---|---|
| Survivor Series | Monday 7 December at 7PM |
| Armageddon | Monday 28 December at 7PM |



## Carling Cup Round 5

*Follow Manchester United, Tottenham Hotspur, Manchester City and Arsenal in the Carling Cup Round 5.*

| | | |
|---|---|---|
| Man Utd vs. Tottenham Hotspur | Tuesday 1 December at 9PM | LIVE |
| Man City vs. Arsenal | Wednesday 2 December at 8:45PM | LIVE |

## LOCAL SPORTS



*Melita Sports continues to provide the best coverage of local sports. Watch your favourite local football teams as they compete in the BOV Premier League.*

| | | |
|---|---|---|
| Tarxien vs. Hamrun | Friday 11 December at 7:30PM on 702 | LIVE |
| Valletta vs. B'Kara | Saturday 19 December at 4PM on 708 | LIVE |
| Dingli vs. Hamrun | Monday 28 December at 7:30PM on 702 | LIVE |

## LOCAL PROGRAMMES

| | | |
|---|---|---|
| OverSteer | Thursdays at 7pm | LIVE |
| Score | Fridays at 7pm | LIVE |
| Kick Off | Sundays at 7pm | LIVE |
| Focus Champions | Champions League nights at 8pm | LIVE |
| MatchDay | pre-BOV Premier League match Show | LIVE |

**For further information call 27 270 270**

*Programming and schedule are subject to change at any time.*

melita
*Your world with you*
**www.melita.com**

# Martin Galea



## IR-RUGBY F'MALTA FIS-SNIN TMENIN

Ir-rugby f'pajjiżna ma bediex jintlagħab dan l-aħħar, anzi, niftakar li fi żmien meta jien kont għadni student jiġifieri fis-snin sebgħin, diġà konna nipprattikaw dan l-isport u għalkemm ftit konna nafu dwaru, l-popolarità malajr bdiet tikber. Dak iż-żmien kont nattendi l-Kulleġġ ta' St. Edward u hemmhekk niftakar li kien hemm qassis bl-isem ta' Fr. Henry Ferro u kien beda jgħallimna nipprattikaw dan l-isport. Naħseb kienet l-ewwel skola Maltija fejn beda jintlagħab ir-rugby. Konna nilagħbu kontra baħrin tan-Navy u suldati tar-Royal Air Force u għalkemm kienet logħba ġdida għalina, konna nieħdu gost u kienu żminijiet sbieħ. Imbagħad għal ftit żmien kont mort nistudja l-Ingilterra u meta rritornajt lura Malta, l-Ingliżi kienu telqu u r-rugby kien spiċċa magħhom. Ir-rugby kien sar l-isport li kont insegwi u kont iddispjaċut li f'Malta kien intemm għal kollox, għalhekk jien u ħbieb tiegħu li konna l-kulleġġ flimkien iddeċidejna li nerġgħu nqajmu lil din il-logħba u nkomplu nilagħbu r-rugby. Niftakar li bil-mod il-mod bdejna nikbru, l-ewwel konna biss tlieta li tlaqna b'dan il-ħsieb, iżda fi ftit żmien malajr sirna tim u wara komplejna nikbru. Dan kien fil-bidu tat-tmeninijiet u meta konna madwar 40 plejer, konna iddeċidejna li ninqasmu fi tliet timijiet, ovvjament biex nilagħbu b'mod kompetittiv kontra xulxin. It-timijiet konna semmejnihom Overseas, Phoenicians u l-Universitarji, li l-lum jisimhom Alligators. Dawn komplew jilagħbu għal snin sħaħ u jien fl-1995 kont iddeċidejt li nieqaf nilgħab. Hemmhekk kont inqtajt xi ftit mir-rugby u ħriġt mix-xena, iżda meta dan l-aħħar erġajt ġejt offrut li nidħol b'mod aktar dirett u bħala president tal-Għaqda, aċċettajt dan l-inkarigu u bħalissa ninsab f'dan ir-rwol tal-MRFU.

## IL-PROGRESS TA' DIN IL-LOGĦBA F'PAJJIŻNA

L-isport tar-rugby f'pajjiżna qiegħed jikber b'mod konsiderevoli. Din il-logħba sabiħa u d-differenza minn dixxiplini oħra hi li r-rugby joffri spettaklu kemm fil-pitch u kif ukoll fuq l-istands. Matul l-aħħar snin l-MRFU nvestiet ħafna fit-tim nazzjonali, fil-fatt ir-riżultati ta' dan l-aħħar jixhdu dan, iżda issa qegħdin nippruvaw nibbilanċjaw xi ftit l-affarijiet u ninvestu aktar fuq il-lokal. Il-pjani tagħna huma dawk li ngħollu l-livell tal-logħba f'pajjiżna u b'hekk inkunu nistgħu nutilizzaw aktar plejers ibbażati f'Malta għall-kamp internazzjonali. Bħalissa ninsabu kuntenti li l-perċentwal ta' dawn il-plejers fit-tim nazzjonali kiber u lħaqna kważi l-50%, iżda rridu naħdmu aktar biex inkomplu nsaħħu dan. Biex dan isir irridu ninżlu fil-livell tal-grassroots, jiġifieri nħajru u nħarrġu lit-tfal li jipprattikaw minn età żgħira u li f'perjodu ta' snin jikbru u jilħqu l-livell mixtieq biex jirrappreżentaw lil pajjiżna. Ħaġa oħra fundamentali hija dik li nagħmlu kampjonat aktar kompetittiv u dan jista' biss iseħħ jekk il-klabbs ikollhom in-Nurseries tagħhom minn fejn jistgħu joħorġu plejers aħjar f'kull lat, kemm tekniku, fiżiku u kif ukoll psikoloġiku. Dawn huma l-għanijiet prinċipali tal-MRFU għal dawn is-snin li ġejjin u nisperaw li jirnexxielna. Bħalissa qiegħdin nonfqu ħafna flus biex inżommu dak li għamilna s'issa fil-kamp internazzjonali



> ***"Aħna nemmnu li s-saħħa kollha għandha tkun f'idejn il-klabbs, għaliex l-MRFU waħedha ma tistax tmexxi u tevolvi"***
>
> Martin Galea, President Malta Rugby Football Union

u dan billi għal kull logħba tat-tim Malti nġibu plejers stabbiliti li jilagħbu barra. L-ivjaġġar tagħhom jiswa ħafna flus u bħal dejjem u f'kollox aħna mhux eċċezzjoni u l-finanzi huma l-akbar problema tagħna. B'hekk dan il-pjan nazzjonali għandu jgħin biex fil-futur ikollna biżżejjed prodott lokali li jsalvalna ħafna infieq żejjed. Finalment naħseb li dak li għamilna s'issa għandu jitqies bħala suċċess kbir. Ir-riżultati kienu sodisfaċenti u għaċ-ċokon tagħna naħseb li għamilna passi ta' ġgant. Irrid insemmi li Damien Neill, il-kowċ tat tim nazzjonali, kien fundamentali biex dawn is-suċċessi nkisbu. Huwa kowċ bravu u jaf il-logħba sew u naħseb li għena ferm. Il-klabbs u l-amministratturi tagħhom ukoll huma parti essenzjali minn dan l-iżvilupp kbir li qiegħed iseħħ fir-rugby. Ix-xogħol siewi tagħhom qiegħed iħalli l-frott u kollha flimkien bħala tim qegħdin naslu u naħseb li fadal fejn nikbru. Aħna nemmnu li s-saħħa kollha għandha tkun f'idejn il-klabbs, għaliex l-MRFU waħedha ma tistax tmexxi u tevolvi. B'hekk aħna dejjem inħeġġuhom biex jinvestu, speċjalment fis-settur taż-żgħar. Min-naħa tagħna ngħinu billi norganizzaw korsijiet u konferenzi apposta għall-kowċis u l-amministraturi. Nixtiequ li nistgħu nagħmlu aktar iżda l-finanzi huma dawk li huma u aktar minn hekk mhux f'pożizzjoni li nagħmlu.

### IL-GOST U L-PARTITARJI

In-nies iħobbu jaraw ir-rugby. Għalkemm għad hawn min iqis li l-logħba hija xi waħda vjolenti, dan mhux minnu u n-nies li jsegwu l-logħbiet tagħna dejjem ikunu kuntenti b'dak li jkunu raw. Dan l-isport jintlagħab fi spirtu ta' ħbiberija fejn saħansitra l-partitarji jitħalltu, jixorbu u jiċċelebraw flimkien. L-atmosfera waqt logħba rugby hi unika u ma ssibha fl-ebda sport ieħor. Il-partitarji kemm jekk fuq in-naħa rebbieħa u kemm fuq in-naħa telliefa xorta tarahom kuntenti u jidħku, dejjem ikkuluriti u mimlija entużjażmu. Naħseb li meta jilgħab it-tim nazzjonali f'pajjiżna noħolqu atmosfera kbira u dan jgħin biex in-nies jiġu u jġibu l-familji magħhom. Għalkemm il-logħba hi xi ftit goffa, dejjem toffri spettaklu eċċitanti u dejjem ikun hemm x'tara. Tensjoni jkun hemm ukoll; l-aħħar konfront kontra l-Isvezja tant kien drammatiku, li jien kont kważi lanqas ridt nemmen. Insomma dawn il-fatturi kollha jattiraw in-nies u naħseb li bħalissa qegħdin inkabbru sew il-popolarità ta' din il-logħba f'pajjiżna.

### IL-FUTUR TAR-RUGBY

Matul dawn l-aħħar snin bdejna naħdmu biex ir-rugby jkollu d-dar tiegħu, il-bażi minn fejn l-MRFU flimkien mal-klabbs lokali jkunu jistgħu joperaw b'mod aħjar. Kienet saret wegħda li konna se ningħataw art biex fuqha jsir l-iżvilupp meħtieġ, iżda qatt ma ffirmajna xejn u sal-lum għadna mingħajrha. L-IRB ukoll riedet tgħin u offriet is-somma ta' £50,000 f'każ li jibda l-iżvilupp, somma li tlifna wara li bqajna ma bdejniex bix-xogħolijiet ippjanati. Matul l-aħħar xhur kellna taħditiet importanti mal-Onorevoli Clyde Puli u għalkemm hemm xi affarijiet li rridu niċċarawhom aktar, naħseb li ninsabu viċin li nilħqu ftehim u nisperaw li sas-sajf inkunu wasalna fi qbil. Il-ħsieb tagħna hu dak li jkollna l-istadium tagħna jew li jkollna biżżejjed faċilitajiet b'ħaxix naturali biex nilagħbu r-rugby. Sfortunatament it-tip ta' ħaxix sintetiku li jitwaħħal f'Malta mhux tajjeb biex fuqu tilgħab ir-rugby u dan għaliex huwa iebes, għalhekk l-għażliet għalina huma ferm limitati. Ma nafx jekk kull klabb jasalx ikollu l-bażi tiegħu, iżda jekk l-MRFU jkollu ground nazzjonali u aktar faċilitajiet fejn jista' jintlagħab ir-rugby, naħseb li għad-dimensjonijiet tagħna nkunu moqdija għall-ħames snin li ġejjin. Fil-futur qarib, jiġifieri fi żmien erba' snin jew aħjar meta jispiċċali t-terminu ta' president, nixtieq li f'Malta jkun hawn tmien klabbs tar-rugby, kollha bin-nurseries tagħhom u bit-timijiet tal-irġiel u tan-nisa. Dan ikun pass kbir il-quddiem li jkun ifisser li r-rugby f'Malta jkun stabilixxa sew. Fir-rigward tat-tim nazzjonali tal-irġiel nixtieq li nżommu postna fejn aħna, jiġifieri f'Diviżjoni 2B, biex meta l-finanzi jkunu aħjar u meta l-bażi tkun aktar soda nippruvaw nagħmlu l-qabża għal Diviżjoni 2A. Ma ninsewx li t-timijiet f'din id-diviżjoni huma enormi u għandhom riżorsi kbar, fosthom il-Ġermanja u l-Polonja u għalhekk kollox irid isir pass pass. Fejn jidħlu n-nisa diġà ninsab kuntent li ninsabu fit-13-il post fl-Ewropa u nemmen li jekk kull klabb ikollu tim tan-nisa u l-kampjonat jogħla fil-livell, nistgħu nilħqu postijiet aktar 'il quddiem. Dan mal-ħolma li nara ż-żewġ timijiet nazzjonali tagħna xi darba jikkompetu fl-Olimpjadi.

Call us on 8007 3200 • www.banif.com.mt
ATTARD • FGURA • GOZO • NAXXAR • QORMI
SAN GWANN • ST JULIAN'S • ST PAUL'S BAY
BANIF BANK
The power of believing
Banif Bank (Malta) plc is a fully fledged bank offering personal and business banking. Banif Bank (Malta) plc is a credit institution licensed to undertake the business of banking by the MFSA in terms of the Banking Act 1994. Registered in Malta C41030 - 203, Level 2, Rue D'Argens, Gzira, GZR 1368, Malta.

# KAMPJONAT

Fil-logħob tal-kampjonati hemm total ta' 20 tim fi tliet kategoriji.

Fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni Irġiel hemm ħames timijiet:

Iċ-champions Bupa Luxol, Athleta Compleet IS, Depiro Mtarfa, Siggiewi Kent Boringer u t-tim promoss St. James Hospital.

Fit-Tieni Diviżjoni Irġiel hemm tmien timijiet:

Athleta, Bell Med SN Suns, Depiro Mtarfa, Floriana, Hamidiye Siggiewi, Mellieha Bullets, Qormi u Starlites Ker Grill.

Fil-Kampjonat tan-Nisa hemm seba' timijiet: iċ-champions Hibs Medsea, Allcare Insurance Loyola, Athleta, Luxol, McDonalds Depiro, Starlites Sports Experience u St. Andrews.

### Kampjonat BOV I Diviżjoni Irġiel

Siggiewi Kent Boringer ................47
Depiro Mtarfa ................................58
(19-14, 12-13, 14-11, 2-20)

St. James Hospital ........................ 35
Athleta Compleet IS ......................91
(7-11, 11-29, 6-20, 11-31)

Bupa Luxol ....................................71
St. James Hospital ........................55
(14-14, 19-15, 22-13, 16-13)

Athleta Compleet IS ......................58
Siggiewi Kent Boringer .................62
(12-8, 18-12, 15-23, 13-19)

Depiro Mtarfa ................................72
Athleta Compleet IS ......................78
(15-22, 16-23, 14-14, 27-19)

Siggiewi Kent Boringer ................50
Bupa Luxol ....................................44
(5-4, 19-10, 18-17), 8-13)

### KLASSIFIKA

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi Kent Boringer | 3 | 2 | 1 | 159 | 160 | 5 |
| Athleta Compleet IS | 3 | 2 | 1 | 227 | 169 | 5 |
| Bupa Luxol | 2 | 1 | 1 | 115 | 105 | 3 |
| Depiro Mtarfa | 2 | 1 | 1 | 130 | 125 | 3 |
| St. James Hospital | 2 | 0 | 2 | 90 | 162 | 2 |

### Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

Qormi ..............................................34
Bell Med SN Suns ..........................68
(10-15, 12-24, 10-14, 2-15)

Depiro Mtarfa .................................32
Floriana ...........................................65
(10-11, 5-24, 8-13, 9-17)

Hamidiye Siggiewi ........................67
Athleta ............................................46
(11-14, 25-9, 12-11, 19-12)

Starlites Ker Grill ..........................60
Mellieha Bullets .............................47
(15-10, 22-10, 14-13, 9-14)

Mellieha Bullets .............................72
Depiro Mtarfa .................................47
(26-4, 13-13, 18-13, 15-17)

Hamidiye Siggiewi ........................60
Starlites Ker Grill ...........................67
(14-20, 10-2, 13-18, 23-9)

Floriana ...........................................69
Qormi ..............................................35
(22-7, 22-12, 16-11, 9-5)

Athleta ............................................48
Bell Med SN Suns ..........................62
(3-14, 12-16, 13-17, 20-15)

Starlites Ker Grill ..........................53
Athleta ............................................34
(11-6, 11-7, 17-12, 14-9)

Bell Med SN Suns ..........................51
Floriana ...........................................61
(13-9, 13-15, 16-23, 9-14)






Depiro Mtarfa ..................................35
Hamidiye Siggiewi .........................76
(6-22, 10-16, 8-21, 11-17)

Qormi ..............................................38
Mellieha Bullets .............................70
(11-16, 5-14, 14-18, 8-22)

Hamidiye Siggiewi ........................84
Qormi ..............................................48
(25-7, 12-15, 23-10, 24-16)

Starlites Ker Grill ..........................86
Depiro Mtarfa .................................30
(20-3, 23-6, 21-12, 22-9)

Athleta ............................................52
Floriana ...........................................60
(9-10, 11-19, 16-18, 16-13)

Mellieha Bullets .............................62
Bell Med SN Suns ..........................58
(20-11, 13-17, 7-18, 22-12)

### KLASSIFIKA

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Starlites Ker Grill | 4 | 4 | 0 | 266 | 171 | 8 |
| Floriana | 4 | 4 | 0 | 255 | 170 | 8 |
| Hamidiye Siggiewi | 4 | 3 | 1 | 287 | 191 | 7 |
| Mellieha Bullets | 4 | 3 | 1 | 251 | 203 | 7 |
| Bell Med SN Suns | 4 | 2 | 2 | 239 | 205 | 6 |
| Athleta | 4 | 0 | 4 | 180 | 242 | 4 |
| Qormi | 4 | 0 | 4 | 155 | 291 | 4 |
| Depiro Mtarfa | 4 | 0 | 4 | 144 | 299 | 4 |

### Kampjonat Nazzjonali Nisa

St. Andrews.......................................21
Hibs Medsea ....................................77
(4-20, 0-23, 11-17, 6-17)

Luxol ................................................59
Athleta Honey .................................33
(15-10, 18-4, 18-8, 8-11)

Starlites Sports Experience ..........33
McDonalds Depiro .........................54
(6-14, 13-19, 6-7, 8-14)

McDonalds Depiro .........................60
Luxol ...............................................66
(11-17, 11-12, 15-26, 23-11)

Allcare Insurance Loyola .............37
Starlites Sports Experience ..........32
(9-4, 4-17, 14-3, 10-8)

Athleta Honey ...............................35
St. Andrews ................................... 41
(5-6, 12-12, 11-2, 7-21)

Luxol ...............................................60
Allcare Insurance Loyola .............33
(16-9, 11-3, 19-13, 14-8)

Hibs Medsea ..................................53
Honey Athleta ...............................23
(9-2, 10-0, 20-9, 14-12)

St. Andrews ....................................39
McDonalds Depiro .........................71
(8-28, 7-11, 10-20, 14-12)

Allcare Insurance Loyola .............57
St. Andrews ....................................33
(18-11, 15-5, 6-4, 18-13)

Starlites Sports Experience ..........32
Luxol ...............................................75
(11-10, 13-21, 8-22, 0-22)

McDonalds Depiro .........................58
Hibs Medsea ...................................69
(wara l-ħin barrani)
(12-17, 15-11, 18-19, 13-11) – (0-11)

### KLASSIFIKA

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Luxol | 4 | 4 | 0 | 260 | 158 | 8 |
| Hibs Medsea | 3 | 3 | 0 | 199 | 112 | 6 |
| McDonalds Depiro | 4 | 2 | 2 | 243 | 207 | 6 |
| Allcare Insurance Loyola | 4 | 2 | 2 | 162 | 166 | 6 |
| St. Andrews | 4 | 1 | 3 | 134 | 240 | 5 |
| Honey Athleta | 3 | 0 | 3 | 101 | 153 | 3 |
| Starlites Sports Experience | 3 | 0 | 3 | 97 | 166 | 3 |

### BOV K.O.

Din il-kompetizzjoni wkoll kellha l-bidu tagħha, bl-ewwel logħbiet fix-xahar ta' Novembru.

### I Diviżjoni Irġiel
### Rawnd Preliminari

Athleta Compleet IS ......................55
Siggiewi Kent Boringer .................54
(18-16, 19-10, 10-16, 8-12)



**II Diviżjoni Irġiel**
**L-ewwel rawnd**

Hamidiye Siggiewi ........................61
Athleta ..............................................59
(11-15, 15-7, 21-17, 14-20)

Floriana ............................................48
Starlites Ker Grill ...........................44
(8-9, 16-11, 10-14, 14-10)

Bell Med Sn Suns ............................49
Mellieha Bullets ..............................59
(13-14, 13-17, 11-9, 12-9)

Qormi ................................................68
Depiro Mtarfa .................................41
(14-11, 15-13, 15-4, 24-13)

**Nisa**
**L-ewwel rawnd**

Luxol .................................................69
Starlites Sports Experience ..........41
(14-9, 23-15, 19-11, 13-6)

Honey Athleta ................................53
St. Andrews .....................................33
(17-13, 7-8, 10-7, 19-5)

Hibs Medsea ....................................67
Allcare Insurance Loyola .............29
(17-9, 9-4, 18-8, 23-7)

# Kors għar-referees prospettivi u l-ufficjali tal-mejda

Il-Malta Basketball Association flimkien mal-Malta Basketball Referees Association se jorganizzaw kors ghal referees u ufficjali tal-mejda.

Il-kors ser ikun mifrux fuq erba sessjonijiet li ser isiru fil-kumpless tal-basketball gewwa Ta' Qali gejn id-7 u il-11 ta' Dicembru 2009. Is-sessjonijiet kollha isiru filghaxija.

L-ewwel parti tal-kors tkun dik tejoretika filwaqt li fit-tieni parti jigu f'dati ma persuni li ghandhom esperjenza sabiex jghinuhom jintegraw fil-loghba aktar facilment. Il-kors ser ikun miftuh ghal persuni l-fuq min sittax il sena.

Dawk interessati ghandhom jibghatu email lil mba@maltanet.net jew icemplu l- MBA fuq 21430950.



Martin Ferry jippreżenta l-unur lil Michael Naudi

# MICHAEL NAUDI ta' Athleta jirbaħ il-Miles Express Plejer tax-xahar għal Ottubru

L-unur tal-Miles Express Player tax-xahar tal-ewwel divizjoni ghax-xahar ta' Ottubru ntrebah mill captain ta' Athleta Compleet IS Michael Naudi. Matul ix-xahar t'Ottubru, Athleta waslu sal-finali tal-MBA Shield u zammew il-mument posittiv taghhom fejn s'issa ghadhom bla telfa. Naudi ikkontribwixxa ghal dawn is-successi meta skorja 91 punt fosthom 4 three pointers. Huwa wkoll l-ahjar assist man tal-kampjonat b'total ta 27 assist – medja ta 4.50 assists kull loghba. Huwa wkoll it-tieni l-ahjar rebounder b'69 rebound u fit-tielet post fil-klassifika tal-isteals b'medja ta 2.33 steal kull loghba. L-unur gie pprezentat mis-Sur Martin Ferry f'isem Miles Express.



Martin Ferry jippreżenta l-unur lil Steffi De Martino

# STEFFI DE MARTINO ta' Luxol tirbaħ il-Miles Express Plejer tax-Xahar għal Ottubru

L-unur tal-Miles Express Player tax-xahar tan-nisa ghax-xahar ta' Ottubru ntrebah mill-player zaghzugha ta' Luxol Steffi De Martino. Dan huwa l-ewwel stagun ghal De Martino fil-kategorija tal-kbar wara diversi snin tilghab fil-kategoriji z-zghar. Matul ix-xahar t'Ottubru, Luxol waslu sas-semi-finali tal-MBA Shield u zammew il-bidu posittiv taghhom fejn s'issa ghadhom bla telfa. De Martino ikkontribwiet ghal dawn is-successi meta skorjat 99 punt fosthom 3 three pointers. Hija wkoll l-ahjar rebounder man tal-istagun s'issa b'total ta 61 rebound– medja ta 8.71 rebound kull loghba. Hija ghanda wkoll medja ta' 2.29 steal u 1.14 assist kull loghba. L-unur gie pprezentat mis-Sur Martin Ferry f'isem Miles Express.

MB promotions LTD.

Suppliers of sports equipment and durable flooring for your gym, sports centre and even offices.

**Contact us on 2143 0950 or 2143 1984**













# Rebħa drammatika għal Malta

It-tim Malti patta għat-telfa tal-jiem li għaddew kontra l-Kroazja u quddiem pubbliku sabiħ fil-Hibs Ground ġewwa Kordin u b'penalti mogħti minn James O'Brien fl-aħħar mumenti tal-logħba, irnexxielu jegħleb lit-tim Svediż. Din kienet rebħa fundamentali għal Malta biex iżżomm postha f'Diviżjoni 2B u dan għaliex issa l-Maltin saħħew posthom fit-tielet post tal-klassifika, ħallew warajhom lill-istess Svezja u kkonfermaw posthom f'din id-diviżjoni għall-istaġuni li ġej.

Lejn l-aħħar tal-logħba l-affarijiet dehru ġejjin kontra t-tim Malti, iżda penalti fl-aħħar minuta tal-logħba wassal għall-ewwel rebħa f'pajjiżna minn dan il-grupp.

L-avversarji kienu fiżikament b'saħħithom, iżda l-Maltin xorta waħda urew ħeġġa kbira u abbiltà fil-logħob u kienet tkun inġustizzja li kieku ma rebħux din il-logħba. Għal Malta rritornaw mill-bidu kemm Paul Marzella u kif ukoll Daryl Psaila u Oliver Sacco, kollha nieqsa fil-konfront kontra l-Kroazja.

L-iSkandinavi kienu kważi se joħolqu sorpriża meta Andrew Daish għamel try lejn tmiem il-logħba, iżda l-Maltin baqgħu jemmnu u finalment wasal il-penalti li kien skorjat u tefa' f'dellirju ta' ferħ lill-partitarji lokali tat-tim nazzjonali.

Għal Malta l-aħjar plejer kien James O'Brien, filwaqt li Matthew Mirabelli, Ian Borda, Rohan Spiteri u kif ukoll Paul Marzella offrew prestazzjoni ferm pożittiva.

Kollox ma' kollox kienet rebħa kolletiva li kkonfermat il-potenzjal ta' din l-iskwadra u x-xogħol siewi li qiegħed jagħmel il-kowċ Damien Neill.



# Il-Kroati jirbħulna f'darhom ukoll







Wara t-telfa minima f'pajjiżna aktar minn sena ilu, l-Kroati reġgħu rebħulna - din id-darba b'marġni ta' skor ferm akbar minn dak li kienu rebħu bih f'Kordin f'Ottubru, 2008. Il-logħba ntlagħbet ġewwa Split, f'temp sabiħ u f'kundizzjonijiet tajba. Sa tmiem l-ewwel taqsima tal-logħba t-tim Malti kien minn taħt bl-iskor ta' 8-7. Sa dak il-ħin it-tim, nieqes minn plejers bħal Paul Marzella, Guy Kennedy, Mick McArdle, Donovan Felice, Daryl Psaila u oħrajn, kien qiegħed iżomm tajjeb mal-avversarji, iżda fit-tieni taqsima l-Kroati kibru fil-logħob tagħhom u t-tim Malti ftit seta' jagħmel. Biex b'din ir-rebħa l-Kroati saħħew posthom f'ras il-klassifika ta' Grupp 2B, filwaqt li l-Maltin baqgħu fit-tielet post tal-klassifika, pożizzjoni taħt l-Olanda. It-tim Olandiż rebaħ kontra dak Svediż u b'hekk baqa' jsegwi mill-qrib lill-Kroati u ddistakka ruħu aktar mit-tim Malti.



RUGBY WORLD CUP 2011

**Klassifika**

| Poż. | Team | L | R | D | T | Diff. | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Kroazja | 6 | 6 | 0 | 0 | 112 | 18 |
| 2 | Olanda | 6 | 5 | 0 | 1 | 48 | 16 |
| 3 | Malta | 6 | 3 | 0 | 3 | -22 | 12 |
| 4 | Svezja | 6 | 1 | 0 | 5 | -14 | 8 |
| 5 | Latvja | 6 | 0 | 0 | 6 | -124 | 6 |

**Logħob li jmiss**

| | |
|---|---|
| 17/04/2010 - Riga | LATVJA v SVEZJA |
| 17/04/2010 - Amsterdam | OLANDA v MALTA |
| 24/04/2010 - Split | KROAZJA v OLANDA |
| 24/04/2010 - Kordin | MALTA v LATVJA |
| 01/05/2010 – Enkoping | SVEZJA v KROAZJA |




It-tim nazzjonali Malti tal-Handball

# Malta fit-tieni post taċ-Challenge Trophy



Fi tmiem il-Ġimgħa ta' bejn it-30 t'Ottubru u l-1 ta' Novembru 2009, l-Assoċazzjoni Maltija tal-'Handball' organizzat iċ-'Challenge Trophy' ġewwa il-Kumpless Sportiv tal-Università. Din kienet it-tieni edizzjoni li Malta organizzat wara dik ta' l-2003.

Il-preparamenti tat tim Malti bdew f'Mejju, meta it-tim Malti lagħab kontra Genius Barcelona f'pajjiżna. Xahar wara, it-tim Malti ha sehem f'kompettizzjoni ġewwa Sqallija kontra it-timijiet ta' Ragusa u tim minn Messina. It-tim Malti kien ġie it-tieni f'dan it-tournament.

Għal dan it-tournament, it-tim Malti beda preparamenti intensivi, fejn kien jittrenja erba' darbiet fil-ġimgħa. It-taħriġ tat-tim kompla jintensifika ruħu meta Peter Sulc, kowċ mir-Reppublika Ċeka, kien ġie biex jikkowċja lit-tim Malti. Dan it-taħrig mal-kowċ Ċek tqassam fuq tliet perjodi ta' ġimgħa–il wieħed.

Il-plejers Maltin għamlu sagrifiċċji kbar, fejn kienu jitħarrġu fis-6.00 a.m., imorru għax-xogħol u filgħaxija jerġgħu jmorru għat-taħriġ. Fl-istess żmien li l-Maltin kienu qed jippreparaw ruħhom għall-kompetizzjoni, l-istess ħaġa kienu qegħdin jagħmlu l-avversarji tagħhom.

L-Irlanda għamlu ġimgħatejn jittrenjaw ġewwa l-Ġermanja. L-iSkoċċiżi bbenefikaw minn parti ta' £1.5 biljun li ingħataw lill-Assoċjazzjoni Britannika tal-Handball.

Il-Finlandja minn dejjem kienu l-aktar tim ikwotat sabiex jirbaħ dan it-tournament. Għalkemm huma ġew bit-tim ta' Taħt it-23 sena, xorta kien tim b'saħħtu ħafna. Fil-fatt, it-tim li huma ipprezentaw kien it tim li rebaħ il-Kampjonat Ewropew ta' Taħt id-19–il sena.



Malta bdiet il logħob tagħha kontra l-Irlanda, fejn it-tim Malti ried ipatti għad-diżappunt li kien sofra sentejn ilu meta ġie 'draw' kontra l-istess Irlanda. Għalkemm it-tim Malti kien iktar ikkwotat, il-logħba ma kinetx waħda faċli. Quddiem padiljun mimli nies, it-tim Malti beda tajjeb ferm, b'rebħa ta' 37–20.

Kontra l-iSkozja t-tim Malti ried jikkonferma il-potenzjal li wera. Storikament Malta minn dejjem kienet issib diffikultà kontra l-iSkozja. Imħeġġeġ minn folla imdaqqsa, it-tim Malti rebaħ iż-żewġ taqsimiet bl-iskor identiku ta' 17–10, għal skor finali ta' 34–20.

Mal-Finlandja, it-tim Malti pprova jilgħab il-logħba. Iżda l-esperjenza u t-teknika tal-Finlandja kienet wisq superjuri għal dik Maltija. Is-sodisfazzjon tal Maltin kien kbir għall-fatt li rnexxielhom jirbħu t-tieni post u dan is-sodisfazzjon kompla jikber meta Mark Gilson ingħata l premju bħala l aħjar 'pivot' u Andrew Mifsud bħala l-aqwa goalkeeper.

Is-suċċess tal-Maltin ma kienx biss grazzi għall-plejers imma wkoll għall-organizzazzjoni sfieqa li kien hemm min-naħa tal-Assoċjazzjoni. It-tim Malti kien immexxi sew minn Milos Stanislavjevic bħala kow, Karl Chetcuti bħala Team



Jacques Friggieri jidher waqt li qiegħed jikkonkludi



Azzjoni perikoluża tal-Maltin



Waqt iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-avveniment



Ian Turban għal Malta waqt azzjoni personali



Philip Mifsud ostakolat minn plejer avversarju



Il-plejer Malti, Christian Maclean

Manager u Peter Sulc li għen lit-tim bħala assistent kowċ.

L-Assoċjazzjoni Maltija tal-Handball, kellha kliem ta' tifħir mill-Assoċjazzjoni Ewropeja tal-Handball għall organizzazzjoni mpekabbli.

Waqt li Malta kienet qiegħda torganizza il-grupp għall-pajjiżi mill-Ewropa tal-Punent, Georgia organizzat il-logħob għall-pajjiżi tal-Lvant. Dan kien wieħed bilanċjat u Ġeorġja rebħet il-grupp.

It-tim Finlandiż, issa se jiltaqa' kontra dak ta' Georgia, qabel il-final ta' l-Ewro 2010 sabiex jiġi deċiż ir-rebbieħ taċ-Challenge Trophy 2009.

Dan jawgura tajjeb għall-iżvilupp tal-logħba ġewwa Malta u min hu interessat li jibda dan l-isport jista' jżur is-sit eletroniku - www.maltahandball.com

Grupp 2 - L-Aqwa tim Goalkeeper – Mifsud Andrew (Malta)
Left Wing – Broman Joacim (Finlandja)
Left Back – Broman, Benny (Finlandja)
Middle Back O' Brannigain Oisin (Irlanda)
Line Player – Gilson Mark (Malta)
Right Back – Kihlstedt Oscar (Finlandja)
Right Wing – Koljonen Miro (Finlandja)
L-Aqwa Plejer Difensur – Frew Scott (Skozja)
L-Aqwa Plejer – Broman Benny (Finlandja)
L-Aqwa Skorer – Broman Joachim (20 goal) (Finlandja)

## RIŻULTATI

| | |
|---|---|
| Malta v Irlanda | 36 - 20 |
| Malta v Skozja | 34 - 21 |
| Malta v Finlandja | 20 - 37 |

## KLASSIFIKA GRUPP Ġ2

| | L | R | D | T | Gls | +/- | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. FINLANDJA | 3 | 3 | 0 | 0 | 123:76 | 60 | 6 |
| 2. MALTA | 3 | 2 | 0 | 1 | 90:78 | 12 | 4 |
| 3. IRLANDA | 3 | 1 | 0 | 2 | 74:103 | -29 | 2 |
| 4. SKOZJA | 3 | 0 | 0 | 3 | 64:107 | -43 | 0 |

minn Vincent Pisani



# Alex Borg

## jirbaħ l-ewwel żewġ ranking tournaments ta' pajjiżna




Iċ-champion Malti u ex-plejer professjonali tal-isnooker Alex Borg u li jilgħab ma' Juventutis Domus taż-Żejtun kompla jiddomina ix-xena lokali meta mhux biss irnexxielu jirbaħ l-ewwel żewġ ranking tournaments tal-istaġun 2009/10, iżda għamel ukoll erba' century breaks.

Fl-ewwel ranking tournament Borg għeleb lil Simon Zammit tal-Jesmond Sporting Club tal-Ħamrun bl-iskor ta' 6-4 fil-finali. Zammit li din is-sena jidher li qiegħed f'vena tajba beda biex rebaħ l-ewwel tliet frames u mar 3-0 minn fuq, iżda Borg rebaħ it-tnejn ta' wara. Zammit rebaħ is-sitt frame biex għamel l-iskor 4-2 favur tiegħu, sabiex wara dan il-frame Alex Borg għamel rimonta kbira u rebaħ erba' frames infila biex għalaq il-logħba favurih bl-iskor ta' 6-4. Il-finali intlagħbet fil-147 Snooker Hall, fil-Ħamrun.

Fis-semi-finali, Alex Borg għeleb lil Mario Brincat 5-2 fejn Borg għamel żewġ breaks fuq il-mija, wieħed ta' 120 u l-ieħor ta' 101. Fis-semi-finali l-oħra Simon Zammit għeleb lil Frans Mintoff bl-iskor ta' 5-3.

Ir-riżultati tal-kwarti-finali kienu dawn: Alex Borg v Clayton Castaldi 4-2, Simon Zammit v Simon Camilleri 4-2, Frans Mintoff v Duncan Bezzina 4-3 u Mario Brincat v Duncan Pisani 4-2.

Fit-tieni ranking erġajna rajna lil Alex Borg u Simon Zammit jikkontestaw il-final b'Alex Borg din id-darba jegħleb lil Zammit bl-iskor ta' 6-2. Zammit reġa' beda tajjeb meta wara l-ewwel tliet frames huwa kien 2-1 minn fuq. Borg għamel l-iskor indaqs biex wara l-mistrieħ huwa rebaħ 4 frames wara xulxin u għalaq il-logħba 6-2 favur tiegħu. Fis-seba' frame Alex Borg għamel break fenomenali ta' 136. Il-frames kollha ta' din il-final spiċċaw b'dawn il-punteġġi: (Borg l-ewwel) 42-55, 105(75)-11, 39 62, 90 (68) 9, 77(45) 48, 90(80)-43, 136(136)-0 u 73-40. Għal din il-final attenda pubbliku numeruż. Biex waslu għal-logħba deċiżiva, fis-semi-finali Alex Borg rebaħ lil Duncan Bezzina bl-iskor ta' 5-1, filwaqt li Simon Zammit għeleb lil Arthur Cachia bl-iskor ta' 5-0.

Fil-kwarti-finali Borg għamel break ieħor sabiħ ta' 124 fir-rebħa tiegħu ta' 4-2 kontra Peter Schembri, filwaqt li Simon Zammit kien għeleb lil Thurston Grixti bl-iskor ta' 4-1.

### Staġun 2009-10

L-ewwel 80 tal-Lista Proviżjonali

| PLEJER | Punti 2008/9 | RT 1 2009/10 | RT 2 2009/10 | PUNTI | POŻ |
|---|---|---|---|---|---|
| Alex Borg | 2650 | 400 | 400 | 3450 | 1 |
| Duncan Bezzina | 1900 | 200 | 250 | 2350 | 2 |
| Simon Zammit | 1700 | 300 | 300 | 2300 | 3 |
| Simon Camilleri | 1770 | 200 | 150 | 2120 | 4 |
| Frans Mintoff | 1700 | 250 | 150 | 2100 | 5 |
| Arthur Cachia | 1400 | 150 | 250 | 1800 | 6 |
| Mario Brincat | 1400 | 250 | 50 | 1700 | 7 |
| Clayton Castaldi | 1300 | 200 | 150 | 1650 | 8 |
| Saviour Brignone | 1270 | 150 | 150 | 1570 | 9 |
| Mark Saffrett | 1200 | 150 | 200 | 1550 | 10 |
| Richard Lewis | 1300 | 50 | 150 | 1500 | 11 |
| Thurston Grixti | 1238 | 38 | 200 | 1476 | 12 |
| Duncan Pisani | 1100 | 200 | 50 | 1350 | 13 |
| Tony Mifsud | 900 | 150 | 150 | 1200 | 14 |
| Philip Ciantar | 1100 | 50 | 50 | 1200 | 15 |
| Marius Gatt | 988 | 50 | 150 | 1188 | 16 |
| Aaron Busuttil | 788 | 150 | 200 | 1138 | 17 |
| Ivan Rizzo | 826 | 150 | 150 | 1126 | 18 |
| Jesmond Schembri | 920 | 100 | 100 | 1120 | 19 |
| Bruce Licari | 938 | 100 | 50 | 1088 | 20 |
| Edmond Fenech | 888 | 38 | 100 | 1026 | 21 |
| Peter Schembri | 838 | 38 | 100 | 976 | 22 |
| Andre Pace | 808 | 100 | 38 | 946 | 23 |
| Conrad Catania | 706 | 100 | 100 | 906 | 24 |
| Brian Cardona | 650 | 150 | 100 | 900 | 25 |
| Manolito Grech | 650 | 150 | 100 | 900 | 26 |
| Marcel Micallef | 695 | 100 | 100 | 895 | 27 |
| Ivan Brincat | 743 | 38 | 100 | 881 | 28 |
| Stephen Mangion | 625 | 100 | 100 | 825 | 29 |
| Peter Pace | 700 | 100 | | 800 | 30 |
| Frans Abdilla | 670 | 25 | 100 | 795 | 31 |
| Thomas Busuttil | 718 | 38 | 38 | 794 | 32 |
| Neville Chetcuti | 618 | 75 | 38 | 731 | 33 |
| Tony Cassar | 580 | 75 | 25 | 680 | 34 |
| Emanuel Mallia | 500 | 100 | 75 | 675 | 35 |
| Emanuel Fiott | 550 | 100 | 25 | 675 | 36 |
| Ivan Attard | 548 | 25 | 75 | 648 | 37 |
| Peter Tonna | 500 | 38 | 100 | 638 | 38 |
| Joseph Casha | 513 | 25 | 100 | 638 | 39 |
| Melchior Galea | 480 | 75 | 75 | 630 | 40 |
| Brian Caruana | 618 | | | 618 | 41 |
| Roy Callus | 569 | 38 | | 607 | 42 |
| Conrad Ellul | 500 | 25 | 75 | 600 | 43 |
| Jonathan Farrugia | 400 | 100 | 75 | 575 | 44 |
| Edward Pullicino | 418 | 75 | 75 | 568 | 45 |
| Charles Vella | 455 | 25 | 75 | 555 | 46 |
| Julian Micallef | 500 | 25 | 25 | 550 | 47 |
| Wayne Pace | 463 | | 75 | 538 | 48 |
| Kevin Vella | 355 | 100 | 75 | 530 | 49 |
| Matthias Mallia | 476 | 38 | | 514 | 50 |
| Ryan Galea | 455 | | | 455 | 51 |
| Chris Peplow | 325 | 100 | 25 | 450 | 52 |
| Publius Grech | 450 | | | 450 | 53 |
| Joseph Bezzina | 430 | | | 430 | 54 |
| Noel Camilleri | 430 | | | 430 | 55 |
| Tony Zahra | 430 | | | 430 | 56 |
| Mark Abela | 425 | | | 425 | 57 |
| Noel Bonello | 380 | | | 380 | 58 |
| Joseph Pace | 275 | 25 | 75 | 375 | 59 |
| Carmelo Bonnici | 375 | | 0 | 375 | 60 |
| Ronald Limbird | 350 | 25 | | 375 | 61 |
| Patrick Borg | 263 | 75 | 25 | 363 | 62 |
| Jason Frendo | 300 | 25 | 25 | 350 | 63 |
| Rudolph Gellel | 350 | | | 350 | 64 |
| Paul Tabone | 350 | | | 350 | 65 |
| Richard Galea | 338 | | | 338 | 66 |
| Matthew Calleja | 180 | 75 | 75 | 330 | 67 |
| Gaetano Camilleri | 330 | | | 330 | 68 |
| John Cauchi | 325 | | | 325 | 69 |
| Malcolm Spiteri | 313 | | | 313 | 70 |
| Carmelo De Flavia | 300 | | | 300 | 71 |
| Chris Buttigieg | 300 | | | 300 | 72 |
| John Vassallo | 300 | | | 300 | 73 |
| Shaun Sultana | 250 | | 25 | 275 | 74 |
| Mario Cutajar | 50 | 13 | 200 | 263 | 75 |
| Noel Dark | 255 | | | 255 | 76 |
| Maurice Calleja | 225 | 25 | 0 | 250 | 77 |
| Vincent Borg | 225 | 25 | | 250 | 78 |
| Kenneth Grech | 250 | | | 250 | 79 |
| Omar Caruana | 250 | | | 250 | 80 |

Flyaway AIRMALTA Tours

# WINTER *City Breaks*










## ROME & LONDON

**AND A HOST OF OTHER DESTINATIONS**

*from*

# €199

**INCLUSIVE OF:**

- RETURN AIRFARE
- 2 NIGHTS ACCOMMODATION ON B&B BASIS
- ALL TAXES.

For more information call on **2166 2227** or your travel agent

airmalta*com

AIR MALTA

# L-ASM Motocross tikseb fir-reġjun ta' Kalabrija






Erba' sewwieqa tal-Motocross tal-Assoċjazzjoni Sport Muturi flimkien mal-President tal-ASM, Frans Deguara, John Micallef, ġenituri u dilettanti oħra tal-Motocross għadhom kif ġew lura minn esperjenza ta' Beach-Cross li saret f'Gioia Tauro fir-reġjun Taljan ta' Kalabrija.

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Novembru 2009, dawn is-sewwieqa tal-ASM ikkompetew f'attività nternazzjonali tal-Beach-Cross organizzata mill-Federazzjoni tal-Kalabrija, li hija membru fl-FMI u li kellha l-parteċipazzjoni ta' sewwieqa minn pajjiżi Ewropej.

F'din l-attività b'kollox kien hemm disa' Klassijiet ta' tiġrijiet bil-muturi Motocross, tiġrijiet li saru fuq ir-ramel tal-bajja turistika ta' Gioia Tauro. Il-Quadbikes kellhom Klassi waħda biss u l-età tas-sewwieqa kienet bejn 11 u 35 sena.

Is-sewwieqa Maltin ikkompetew fil-klassi Promo Sport għall-fatt li dawn jużaw muturi ta' ċilindrata 250cc u s-sewwieqa kellhom aktar minn 21 sena. Din it-tiġrija tkun twila 10 minuti u tikkonsisti f'żewġ dawriet. Waqt il-prattika u t-tiġrija l-kompetituri għamlu 10 dawriet għal tliet darbiet. Fil-Klassi fejn saqu l-Maltin ħadu sehem seba' sewwieqa.

Minkejja li s-sewwieqa Maltin mhux soltu jsuqu fuq ir-ramel u għaldaqstant setgħu kienu zvantaġġati, biex ipattu, dawn tħallew jagħmlu taħriġ fuq il-bajja lejlet it-tiġrija. Il-programm tal-Ħadd








ASM

MOTOR SPORT ASSOCIATION



# L-ASM impenjata f'Malta wkoll

Nhar il-Ħadd, 8 ta Novembru, l-Assoċjazzjoni Sport Muturi kompliet bit-tieni attività mill-kampjonati ASM-ASHIKA-POIATTI 2009/10. Din kienet ikkaratterizzata minn tiġrijiet bil-karozzi Autocross, Bangers u kif ukoll Quad Bikes.

Il-heats kienu ferm kompetittivi u dan minkejja li l-kampjonat għadu fil-bidu tiegħu. F'Klassi A tal-Autocross, Christian Galea fuq Fiat u Mark Galea fuq Alfa jinsabu fuq quddiem, segwiti minn Micheal Pace fuq Fiesta.

Fil-heats tal-Autocross, kemm Patrick Cassar u Michael Pace, rebħu t-tiġrijiet kollha ta' kwalifika, filwaqt li Chris Galea, Matthew Borg, Joe Cutajar u Noel Vella rebħu biżżejjed punti biex ikkwalifikaw fi Klassi A. Fi Klassi B tal-Autocross, John Bonavia fuq Peugeot jinsab fil-quċċata, warajh hemm Stephen Mulvaney fuq Alfa u fit-tielet post jinsab Manuel Muscat fuq Opel.

Fis-Sezzjoni tal-Bangers, Dennis Vassallo fuq Cortina 2000cc jinsab segwit minn Mark Micallef fuq Cortina u Philip Fenech fuq Escort.

Fis-Sezzjoni Quad Bikes, huwa Chris Spiteri fuq Yamaha 450cc li qiegħed fuq quddiem, segwit minn William Spiteri u Joseph Falzon fuq Quad Bikes tal-għamla Polaris.

Waqt li dawn is-sewwieqa kienu ferm impenjati f'Ta Qali, l-erba' sewwieqa tal-Motocross kienu qegħdin jikkompetu fil-Beach-Cross fil-Kalabrija. Fl-Italja, Clayton Camilleri, saq mutur KTM, Melvin Borg u Paul Muscat saqu muturi Kawasaki u Chris Muscat saq mutur Honda.

filgħodu beda bir-reġistrazzjonijiet u l-provi uffiċjali fuq l-istess distanza tat-tiġrija. Iżjed tard bdew it-tiġrijiet uffiċjali u fl-ewwel tiġrija Clayton Camilleri kien fuq quddiem tul it-tiġrija kollha, iżda sfortunatament waqa' fl-aħħar nofs dawra u kellu jikkuntenta bit-tieni post. Paul Muscat temm fit-tielet post. Fit-tieni tiġrija Paul Muscat ħareġ rebbieħ u dan minkejja l-oppożizzjoni qawwija minn Clayton Camilleri u diversi parteċipanti Taljani.

It-tim Malti tal-ASM Motocross kien milqugħ tajjeb ħafna mill-organizzaturi, mill-kompetituri u kif ukoll mill-pubbliku preżenti li applawda lir-rebbieħ tal-Promo-Sport, Paul Muscat, u kif ukoll lil Clayton Camilleri li spiċċa warajh.

Waqt iċ-ċerimonja tal-unuri, il-Maltin kienu ppreżentati bit-trofej minn Dott. Luigi Mamone, President tal-FMI fil-Kalabrija. Franco Bucchieri, President tal-FMI Sicilia u kif ukoll Domenico Sotera, kap tal-iskwadra teknika, ferħu lir-rebbieħa. Is-sewwieqa Maltin ingħataw ukoll ċertifikat ta' mertu mir-reġjun tal-Kalabrija.

Waqt din il-mawra fil-Kalabrija l-President tal-ASM Frans Deguara kellu diversi taħditiet ma' diriġenti tal-Federazzjoni tal-Muturi Taljani u Sqallin, kollha membri tal-FMI u tal-UEM. Dawn it-taħditiet jawguraw tajjeb sabiex fil-futur qrib isiru aktar attivitajiet reċiproki bejn Malta u l-Italja. Dawn l-attivitajiet fl-Italja huma aktar possibbli permezz li l-Virtu Ferries qegħdin joffru għajnuna lill-Maltin biex jaqsmu bil-baħar bejn Malta u Sqallija. L-ewwel tiġrijiet bejn Malta u Sqallija huma maħsuba li jsiru f'Marzu li ġej.

**Riżultati finali**
**Klassi PromoSport 250cc:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Paul Muscat *(ASM-Malta)* | 45 punt |
| 2. | Rachele Domenico *(Tauro Moto Club)* | 45 punt |
| 3. | Clayton Camilleri *(ASM-Malta)* | 44 punt |

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjaw lil Frans Deguara (President ASM) fuq in-numri 21410089 jew 99452117.**



# Qala St Joseph jirbħu t-Tazza Sportika



Qala St Joseph, immexxija, mill-kowċ Jesmond Ċefai, b'żewġ gowls fil-ħin barrani, rnexxielhom jakkwistaw l-ewwel unur staġjonali tat-Tieni Diviżjoni meta fl-logħba nteressanti huma għelbu lil Oratory Youths fil-final tat-Tazza Sportika. Kienet final li fiha Oratory bdew aħjar iżda mal-ħin raw lis-Saints deħlin fil-partita fejn imbagħad Qala kienu aħjar fil-ħin barrani meta skurjaw gowl f'kull taqsima biex spiċċaw ħadu t-tazza lejn il-klabb tagħhom.

Oratory bdew aħjar fejn kellhom konklużjonijiet ta' Joshua Cassar u Marvin Grech li spiċċaw barra. Imbagħad kienu Qala li, fl-ewwel azzjoni denja tagħhom, irnexxielhom jiftħu l-iskor fil-11 il-minuta b'daqqa ta' ras tajba ta' Peter Said wara korner ta Joe Xerri. Oratory wettqu reazzjoni fejn wara li tentattiv ta' Grech kien imxellef għal korner, fis-27 minuta, huma għamlu l-iskor indaqs b'shot-cross ta' Alex Sacco li ħabat mal-lasta qabel spiċċa ġewwa. Inkoraġġiti mid-draw, il-Youths żammew l-inizjattiva fejn qabel l-intervall kien Joshua Cassar li tefa' barra wara azzjoni personali.

Fit-tieni minuta tat-tieni taqsima, Joseph Grech ta' Oratory kien żmarkat fil-kaxxa iżda naqas li jikkonkludi tajjeb. Biż-żewġ difiżi jikkontrollaw tajjeb fejn għalqu kull spazju biex deher diffiċli li xi naħa minnhom kien se jirnexxielha ssib ix-xibka avversarja. Fil-fatt l-iktar li marru viċin kienu Qala, żewġ minuti mit-tmiem, bi freekick dirett ta' Mario Mifsud, li mar ftit għoli, biex b'hekk il-logħba kellha tidħol fil-ħin barrani.

Hawn Qala dehru aktar friski mill-avversarji meta wara tliet minuti ħarba ta' Said kienet imwaqqfa mill-goalkeeper Franklin Vella u l-istess Vella wettaq save ieħor tajjeb erba' minuti wara meta salva x-xutt minn barra l-kaxxa ta Christian Portelli. Ftit wara, kien Abela li għolla bi ftit l-mira iżda fil-11-il minuta l-istess Dennis Abela poġġa lis-Saints minn fuq wara suġġeriment ta Peter Said. Żewġ minuti wara huma reġgħu marru viċin iżda kienu mċaħħda minn Vella li nnewtralizza b'diffikultà l-freekick ta Joe Xerri. F'risposta tal-Youths, il-freekick ta' Francesco Cini kien salvat mis-sostitut goalkeeper Kenny Grima. Fit-tieni taqsima tal-ħin barrani, Qala aċċertaw mis-suċċess finali wara biss minuta b'kanonata minn barra l-kaxxa ta' Mario Mifsud li ssorprendiet lill-goalkepeer avversarju. Żewġ minuti wara kien Abela li tefa' ftit barra għall-istess Saints. Il-Youths, min-naħa tagħhom, wieġbu fit-tmien minuta b'xutt ta' Stephen Theuma.

Fi tmiem il-final, Mario Camilleri, Aġent ta' Sportika, assistit minn Uffiċjali tal-GFA, fosthom il-President, Alvin Grech, il-Viċi President, Anton Camilleri, is-Segretarju Ġenerali, Joe Bajada u t-Teżorier, George Cini, ippreżenta t-Tazza lil Joseph Xerri, captian ta' Qala St Joseph fost il-ferħ tal-partitarji tagħhom.

## AKTAR RIŻULTATI MINN GĦAWDEX

**Gozo FA Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07-11-09 | Sannat Ground | Victoria H. vs Xewkija T. | 0 - 1 |
| 08-11-09 | Sannat Ground | S.K. Victoria W. vs Nadur Y. | 2 - 1 |
| 08-11-09 | Sannat Ground | Sannat L. vs Ghajnsielem | 1 - 1 |
| 14-11-09 | Sannat Ground | Xewkija T. vs Kercem A. | 0 - 4 |
| 15-11-09 | Gozo Ground | Victoria H. vs S.K. Victoria W. | 1 - 0 |
| 15-11-09 | Gozo Ground | Nadur Y. vs Sannat L. | 6 - 2 |
| 22-11-09 | Gozo Ground | Ghajnsielem vs Xewkija T. | 2 - 4 |

**Gozo FA Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 31-10-09 | Sannat Ground | Gharb R. vs Zebbug R. | 2 - 4 |
| 01-11-09 | Sannat Ground | Qala S.J. vs Munxar F. | 0 - 1 |
| 01-11-09 | Sannat Ground | Xaghra U, vs Oratory Y. | 3 - 2 |
| 07-11-09 | Sannat Ground | Zebbug R. vs St. Lawrence S. | 1 - 0 |
| 14-11-09 | Sannat Ground | Oratory Y. vs Gharb R. | 3 - 0 |
| 21-11-09 | Sannat Ground | St. Lawrence S. vs Xaghra U. | 1 - 0 |
| 21-11-09 | Sannat Ground | Żebbug R. vs Munxar F. | 0 - 1 |
| 22-11-09 | Gozo Ground | Gharb R. vs Qala S.J. | 2 - 0 |





# Seminar Internazzjonali tal-Kendo f'Għawdex





Dan l-aħħar fil-Kumpless Sportiv tar-Rabat, Għawdex, inżamm għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin Seminar ta' dan it-tip ta' sport. Dan kien organizzat mill-Federazzjoni Maltija tal-Kendo flimkien ma' Paul Budden. Għall-Federazzjoni Maltija tal-Kendo, li hija affiljata mal-European Kendo Federation, din l-organizzazzjoni ġabet apprezzament minn dawk kollha li pparteċipaw. Matul dan is-Seminar sar anke l-assesjar tal-1 sal-5 Dan. Kien hemm anke suċċess mis-seba' parteċipanti Maltin li kollha kemm huma ssuperaw id-Dan rispettiv tagħhom. Dawn kienu Timothy Debono, William Gatt, Byron Baron, Kersten Mallia, Jonathan Mallia, Omar Galea u Ivan Grech.

Madwar 70 parteċipant ħadu sehem. Dawn kienu ġejjin minn 18-il pajjiż differenti. Fil-fatt dawk kollha li ħadu sehem kienu għalliema ta' din id-Dixxiplina Sportiva fil-pajjiż rispettiv tagħhom. Il-pajjiżi rappreżentati waqt dan is-Seminar kienu l-Awstrija, Belġju, Ċina, Franza, Ġappun, Gran Brittannja, Irlanda, Italja, Korea, New Zealand, Rumanija, Svezja, Svizzera, Ungerija flimkiem ma' Malta.

Diversi Sensei barranin mexxew dan is-Seminar. Dawn kienu: Masatake Sumi Sensei 8th Dan Hanshi, Junichi Tashiro Sensei 8th Dan Kyoshi, Fumio Mori Sensei 8th Dan Kyoshi, Jumpei Matsumoto Sensei 7th Dan Kyoshi, Terry Holt Sensei 7th Dan Renshi, Paul Budden Sensei 7th Dan Renshi, Yoshinori Innoue Sensei 7th Dan Renshi, Norio Kojiro Sensei 5th Dan u Sado Master. Bħala interpretu kien preżenti Kazuyo Matsuda 5th Dan.

Fiċ-ċerimonja inawgurali, minbarra wirjiet u demonstrazzjonijiet, saru messaġġi ta' awguriju għal suċċess ta' dan is-Seminar minn Mori sensei, Sumi sensei u mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

Dan is-Seminar Internazzjonali tal-Kendo. f'Għawdex, sar bil-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru taż-Żgħażagħ u l-Kultura, il-Kunsill Malti għall-iSport u l-Awtorita Maltija tat-Turiżmu.



# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 15 ta' Novembru 2009

**Race 1 - Bronze (2140m) - 1'29"3**
**Caqnu Lager Race**
1. Ignace de Castelle (Calleja Clifforty)
2. What`s Up (Briffa Oliver)
3. Simb Rattigan (Ellul David)
4. Luron De La Prade (Said Jeffrey)

**Race 2 - Bronze (2140m) - 1'26"3**
**Empire Cinema Complex Race**
1. Notice As (Gatt Rodney)
2. Le Cinq Mai (Tanti Frans)
3. Keyser Soze (Bowell Frans)
4. Vera LH (Ellul David)

**Race 3 - Silver (2140m) - 1'27"8**
**Polidano Brothers Limited Race**
1. Lex Wall (Farrugia Julian)
2. Louise Wood (Gatt Rodney)
3. Minou De Perdriat (Cassar Frencu)
4. Match De Bannes (Baldacchino Noel)

**Race 4 - Gold (2140m) - 1'26"3**
**Poligas Limited Race**
1. Kelso Bricois (Mizzi Darren)
2. Leader Du Puits (Bilocca Ivan)
3. Charlie Smitt (Debono Charlo)
4. Hans Des Landiers (Caruana Simeron)

**Race 5 - Bronze (2140m) - 1'27"4**
**Caqnu Lager Race**
1. Falco (Gatt Rodney)
2. Mac Du Boult (Camilleri Charles)
3. Haut Les Coeurs (Fenech Mario)
4. Leo Du Rib (Tabone Joseph)

**Race 6 - Premier (2140m) - 1'23"6**
**Montekristo Estates Race**
1. Joyful Du Douetil (Attard Jesmond)
2. Kiki Du Bois Morin (Camilleri Charles)
3. Quick Cape (Farrugia Julian)
4. Litchi Du Vivier (Cassar Frencu)

**Race 7 - Gold (2140m) - 1'22"3**
**Empire Cinema Complex Race**
1. Lucky Des Brisants (Xerri Chris)
2. Kendo De L`Aron (Farrugia Julian)
3. Lindsay Neve (Baldacchino Noel)
4. Knight Brunel (Camilleri Charles)

**Race 8 - Gold (2140m) - 1'24"1**
**Poligas Limited Race**
1. Flying As (Farrugia Jonathan)
2. Just Bourbon (Cassar Frencu)
3. Lulu Moliere (Farrugia Wayne)
4. Kandy Du Fruitier (Baldacchino Noel)

**Race 9 - Silver (2140m) - 1'25"3**
**Polidano Brothers Limited Race**
1. Indian Attack (Baldacchino Noel)
